disinn hilaryspiteri.com

# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 42 - **MARZU 2017**

## werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 7 |
| L-Intervista: Alfred Palma | 9 |
| Il-Ktieb u l-Intervista: Teodor Rejlic | 11 |
| Hilary Spiteri | 13 |
| Ktieb mill-Qrib: Achille Mizzi | 15 |
| Kitbiet Oħra: Joe Saliba (Awstralja) | 17 |
| Żewġ Poeżiji f'Konfront | 19 |
| Irene Nemirovsk | 22 |
| Il-Poeżiji | 24 |
| Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna | 29 |
| Minn fuq l-Ixkaffa | 32 |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Bejn il-5 u s-7 ta' Diċembru 2016 kien Malta direttament mir-Renju Unit il-kritiku teatrali Mark Fisher li ħa sehem f'għadd ta' avvenimenti organizzati mill-Kunsill Malti tal-Arti u mid-Dipartiment tal-Ingliż fi ħdan l-Università ta' Malta. Fost dawn l-avvenimenti l-lejla li saret fis-7 ta' Diċembru fit-teatru ta' Spazju Kreattiv bit-titlu "Reviewing the Arts: A Conversation between Critics and Artists – A talk by Mark Fisher with questions and discussion from the floor". Waqt dawn l-avvenimenti kienu preżenti kritiċi, kittieba, artisti u professuri li ddiskutew is-sitwazzjoni tal-kritika f'pajjiżna. Inħass il-bżonn li hawn Malta jkun hawn iktar kritiċi ta' stoffa li ma jiktbux biss biex jingħoġbu imma li jgħidu s-sitwazzjoni kif inhi bit-tajjeb u l-ħażin tagħha. Jiena attendejt għal żewġ avvenimenti min dawn u wieħed mill-kummenti tiegħi kien li bħal fil-każ ta' oqsma oħrajn anki fil-qasam tal-kritika nbatu mill-marda misħuta taċ-ċrieki tal-ħbieb u l-konoxxenzi. Kulħadd jaf li hemm ġurnali lokali li ilhom snin twal jagħtu prominenza lil ċerta letteratura u lil ċerti kittieba filwaqt li warrbu kompletament kittieba oħrajn bl-iskuża li għalihom mhumiex validi. Dan jagħmel parti minn dik li nsejjaħ magna tal-*marketing* li hawn Malta jgawdu minnha ftit kittieba li għandhom il-barka ta' djar tal-pubblikazzjoni li llum draw jieħdu l-monopolju f'idejhom. Meta berraħt dan il-ħsieb kien hemm min qabeż fuqi u qalli li jiena maqtugħ mir-realtà u li mhux veru li din hija s-sitwazzjoni. Jiena kont naf biex ħerġin u ħallejthom jgħidu.

Idea oħra minn tiegħi kienet dik li l-kritika serja għandha tagħti spazju lil-letteratura li spiss titqiegħed fid-dell, jew lil dawk il-kotba li meta tidħol f'ħanut tal-kotba dejjem issibhom moħbijin fuq wara. Dan għax isem l-awtur u d-dar tal-pubblikazzjoni ma jkunux dawk li drajna nisimgħu bihom matul programmi differenti tat-televiżjoni, fil-gazzetti, fil-listi tal-iskejjel, u l-bqija. Il-letteratura ta' pajjiż mhix magħmula biss minn dawk l-erba' kittieba li jiġu riklamati jew diskussi minn numru limitat ta' "kritiċi", imma hija ħafna ikbar. Huwa nuqqas kbir li dawk responsabbli ma jagħtux kas ta' din it-tip ta' letteratura, letteratura li għax miktuba minn persuni li mhumiex parti miċ-ċrieki tal-ħbieb allura hija mwarrba kompletament jew kważi.

Waqt dawn l-avvenimenti ntqal ukoll li l-artist – il-kittieb, il-pittur, l-attur teatrali, u l-bqija – għandu bżonn ta' udjenza. U l-udjenza hija kemxejn nieqsa: ingorru li l-qarrejja tal-ktieb qed jonqsu bħalma qed jonqos l-interess fil-letteratura jew fit-teatru. Jiena ssuġġerejt li biex l-artist ikollu udjenza u biex 'il quddiem naħsdu anki kritiċi ta' stoffa, oġġettivi u imparzjali, jeħtieġ li minn età żgħira t-tfal jiġu esposti għall-qari, għall-apprezzament tal-letteratura, l-arti, it-teatru, u saħansitra għall-kittieba u artisti kontemporanji. Hemm il-bżonn li parti mill-proċess edukattiv ikun ukoll il-laqgħa wiċċ imb wiċċ tat-tfal u taż-żgħażagħ mal-artisti minn oqsma differenti, jitkellmu magħhom, jaqsmu ħsibijiethom dwar ix-xogħlijiet artistiċi tagħhom, u iktar.

Il-pożittiv ta' laqgħat bħal dawn kien il-fatt li fi spazju limitat iltaqgħu bosta persuni interessati direttament fl-istess qasam tal-arti u l-kritika. Kien hemm atmosfera pożittiva tassew fejn bosta qasmu l-ideat tagħhom u berrħu l-preokkupazzjonijiet tagħhom. Min-naħa tiegħi nittama li jkun hemm iktar laqgħat minn dawn u li dak li jingħad waqthom ma jintefax fil-bir tat-tnessija.

Fil-bidu ta' Jannar 2017 faqqgħet il-polemika bejn il-kittieb Taljan Roberto Saviano (l-awtur ta' *Gomorra*, 2006), u s-Sindku ta' Napli Luigi De Magistris. Din id-darba rigward il-pubblikazzjoni tar-rumanz *La paranza dei bambini* (2016) ta' Saviani. Is-Sindku ta' Napli ma niżillux tajjeb il-fatt li l-kittieb kontroversjali Saviano ppreżenta għal darb'oħra l-belt ta' Napli bħala waħda mifnija mill-Camorra jew aħjar mill-kriminalità organizzata u għajjar lill-kittieb Naplitan opportunist ladarba qed isir sinjur billi jbigħ din l-idea ta' Napli korrotta u kriminali. Min-naħa l-oħra, fir-rumanz ġdid tiegħu *The Red-Haired Woman*, Orhan Pamuk, kittieb Tork u rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura 2006, iwassal il-messaġġ li dan tal-lum hu żmien diffiċli li fih taħkem il-vjolenza u li għandna nipproteġu dak li fadal mis-soċjetà ċivili. U dan jintrabat direttament mas-sitwazzjoni ta' terrur li taħkem fit-Turkija kontemporanja fejn mhux l-ewwel darba li splodew bombi kemm f'Ankara kif ukoll f'Istanbul.

Wieħed jistaqsi kemm hawn kittieba Maltin - apparti tlieta jew erbgħa - li ma jiddejqu xejn ixellfu difrejhom mal-awtoritajiet tal-pajjiż rigward kwistjonijiet morali, soċjali u politiċi jaħarqu?

### IMUT IL-KITTIEB IRLANDIŻ WILLIAM TREVOR

Fl-20 ta' Novembru 2016 miet l-awtur Irlandiż William Trevor fl-età ta' 88 sena. Kiteb bosta rakkonti u rumanzi li rrakkontaw l-Irlanda u l-bidliet li għaddiet minnhom. Kien ukoll drammaturgu, ħames darbiet finalista tal-Premju Booker, tliet darbiet rebbieħ tal-Premju Whitbread, u kiteb xogħlijiet kemm għar-radju kif ukoll għat-televiżjoni. Huwa twieled fl-1928 f'Mitchelstown, fil-kontea ta' Cork. Mis-snin ħamsin 'l hawn huwa għex f'Devon, fl-ilbiċ tal-Ingilterra. Fost ir-rumanzi tiegħu, *The Old Boys* (1964), *Fools of Fortune* (1983), *Death in Summer* (1998), u *Love and Summer* (2009). Hu awtur ta' bosta ġabriet ta' rakkonti, fosthom *The News from Ireland and Other Stories* (1986), *Family Sins and Other Stories* (1989), *Cheating at Canasta* (2007), u *Selected Stories* (2010).



**William Trevor**

### JITĦABBAR IR-REBBIEĦ TAL-PREMJU LETTERARJU CERVANTES

Nhar it-30 ta' Novembru 2016 tħabbar bħala rebbieħ tal-Premju Cervantes 2016, ir-rumanzier Spanjol Eduardo Mendoza. Il-Premju Cervantes huwa l-ogħla unur letterarju li jingħata fid-dinja fejn jiġi mitkellem l-Ispanjol. Fost ir-rumanzi ta' Mendoza ssemma *La verdad sobre el caso Savolta* (*The Truth about the Savolta Case*) tal-1975, u *La ciudad de los prodigios* (*City of Marvels*), dwar Barċellona, il-belt fejn twieled fl-1943. Dan tal-aħħar hu rumanz dwar il-bidliet li seħħew f'Barċellona fl-oqsma industrijali, soċjali u ekonomiku matul is-sekli 19 u 20. Bosta mir-rumanzi ta' Mendoza ġew maqluba f'ilsna differenti u tlieta minnhom inħadmu f'films. Huwa wkoll kittieb ta' dramm u żewġ ġabriet ta' rakkonti. Mendoza huwa ggradwat fil-Liġi u fl-imgħoddi ħadem bħala interpretu fi ħdan il-Ġnus Magħquda fi New York. Huwa qaleb ix-xogħlijiet ta' Shakespeare għall-Ispanjol. Il-premju ta' 125 elf ewro jingħata fit-23 ta' April ta' kull sena, id-data li tfakkar l-anniversarju tal-mewt tal-kittieb Miguel de Cervantes, awtur ta' Don Quixote.



**Eduardo Mendoza**

### REBBIEĦA TAL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2016

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħabbar ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2016: Kotba 2015. Is-serata ta' premjazzjoni seħħet nhar it-2 ta' Diċembru 2016, f'ċerimonja uffiċċjali fil-Berġa ta' Kastilja. Ingħataw ċertifikati lill-finalisti kollha f'kull kategorija flimkien mal-pubblikaturi tagħhom u r-rebbieħa f'kull kategorija ingħataw trofew, ċertifikat u premju ta' €1000 kull wieħed. Il-ġurija għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena kienet komposta minn: Prof. Clare Vassallo, is-Sur Mario Ellul, Prof. Victor Mallia Milanes, is-Sur Andrè Vella Laurenti, is-Sur Caldon Mercieca, Dr. Josette Attard, is-Sa. Justin Somerville, is-Sa. Kristy Borg u s-Sa. Ruth Ancilleri. Is-Sa. Cheryl Falzon u s-Sa. Joanne Sciberras evalwaw il-kotba fil-kategoriji rispettivi. Ir-Rebbieħa f'kull kategorija huma: Alex Vella Gera għall-ktieb *Trojan* (kategorija Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż); Trevor Zahra għall-ktieb *Vespri* (Novelli bil-Malti u bl-Ingliż); Nadia Mifsud għall-ktieb *Kantuniera 'l Bogħod* (Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż); Edmund Teuma għall-ktieb *L-Iljieli Għarbin* (kategorija Traduzzjoni); Gerald Bugeja għall-ktieb Antonio Sciortino, *The Lost Album* (Riċerka ta' Natura Ġenerali); u Keith Sciberras għall-ktieb *Caravaggio to Mattia Preti: Baroque Painting in Malta*, u Paul George Pisani għall-ktieb *The Battle of Lepanto: An Unpublished Hospitaller Account* (Riċerka ta' Natura Storjografika). *History of Ornithology in Malta ta' Birdlife Malta* rebaħ il-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ

Dehra għas-Sena 2015. Victor Fenech ingħata n-Nomina Speċjali fil-Kategorija "Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż" għall-pubblikazzjoni *Doreen Micallef: il-Poeżija, il-Konferenza*, filwaqt li Leanne Ellul rebħet il-Premju Mogħti lil dik il-Persuna li Kisbet Suċċess bil-Kitba Tagħha Bħala Kittieba Emerġenti. Mario Azzopardi ngħata l-Premju lil dik il-Persuna li Tat Kontribut Siewi fil-Letteratura jew fil-Qasam tal-Ktieb.

**TONI MORRISON TINGĦATA L-MIDALJA EMERSON-THOREAU 2016**

F'Diċembru 2016 l-Akkademja Amerikana tal-Arti u x-Xjenzi ddikkjarat lil Toni Morrison bħala rebbieħa tal-Midalja Emerson-Thoreau 2016 għall-ħidma tagħha fil-qasam letterarju. Dan il-premju se jingħata lil Morrison nhar is-6 ta' April, 2017, fid-Dar tal-Akkademja f'Cambridge, Massachusetts. Din il-midalja bdiet tingħata sa mill-1958 lil individwu għax-xogħol letterarju kollu tiegħu aktar milli għal xogħol partikolari. Rebbieħa ta' din il-midalja fl-imgħoddi kienu Robert Frost, T.S. Eliot, Katherine Anne Porter, Hannah Arendt, Saul Bellow, Norman Mailer, Philip Roth, u oħrajn. Fost ix-xogħlijiet ta' Morrison li ssemmew hemm ir-rumanzi *The Bluest Eye* (1970) u *Beloved* (1987), u x-xogħol ta' kritika letterarja *Playing in the Dark* (1992). Rumanzi oħra huma *Sula* (1973), *Song of Solomon* (1977), *Tar Baby* (1981), *Love* (2003), u *A Mercy* (2008). Morrison ingħatat il-Premju Nobel għal-Letteratura fl-1993.



**Toni Morrison**

**KONFERENZA DWAR IN-NARRATTIVA KONTEMPORANJA MALTIJA**

Nhar It-3 ta' Diċembru, 2016, fl-Università l-Qadima, il-Belt, ittellgħet il-konferenza bl-isem ta' "Jiena (x)'jien? Is-suġġett fin-Narrattiva Kontemporanja Maltija". Din il-konferenza ħolqot okkażjoni li fiha sar sforz kollettiv minn studjużi marbutin ma' oqsma diversi. Permezz ta' din l-okkażjoni nħoloq spazju li fih in-narrattiva kontemporanja Maltija mhux biss ingħatat l-attenzjoni mixtieqa, imma l-interventi tad-diversi studjużi servew ta' pass sinjifikanti lejn ir-rikonoxximent uffiċjali tal-ġeneru. Il-kelliema kienu David Aloisio, Josette Attard, Stephen Bonanno, Kurt Borg, Ivan Callus, Mark Camilleri, Adrian Grima, Bernard Micallef, Joseph Vella, Anna Zammit, u Francois Zammit.

**IL-KRITIKU TAT-TEATRU MARK FISHER F'MALTA**

Bħala parti minn inizjattiva organizzata mill-Kunsill Malti tal-Arti u d-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università, fil-bidu ta' Diċembru 2016 kien mistieden Malta l-kritiku tat-teatru Ingliż u awtur tal-ktieb *How to Write About Theatre* (Bloomsbury, 2016), Mark Fisher. Fil-5 ta' Diċembru Mark Fisher ltaqa' ma' numru ta' kritiċi tal-arti (fosthom persuni li jittrattaw oqsma bħat-teatru, iċ-ċinema, u l-letteratura fil-*media* lokali). Waqt din il-laqgħa informali ġew diskussi għadd ta' problemi li l-oqsma tal-kritika u tal-arti qed jaffaċċjaw illum f'pajjiżna. Dan l-avveniment kompla jumejn wara, fis-7 ta' Diċembru fit-Teatru Tond ta' Spazju Kreattiv, bil-laqgħa "Reviewing the Arts: A Conversation between Critics and Artists". Il-kap tad-Dipartiment tal-Ingliż fi ħdan l-Università ta' Malta, James Corby, mexxa din il-lejla. Mark Fisher għamel id-diskors tal-ftuħ, filwaqt li numru ta' personalitajiet mid-dinja akkademika u artistika tkellmu dwar is-sitwazzjoni tal-arti u l-bżonn ta' komunità kritika f'Malta.



**Mark Fisher**

### IMUT IL-FILOSOFU U SOĊJOLOGU ZYGMUNT BAUMAN

Nhar id-9 ta’ Jannar 2017 miet wieħed mill-aqwa intellettwali kontemporanji, il-Pollakk Zygmunt Bauman. Huwa kellu 91 sena. Twieled fl-1945, imma kien ilu jgħix għal snin twal f’Leeds, fl-Ingilterra. Bauman kien favur l-akkoljenza tal-migranti u tar-refuġjati li jkunu ħarbu minn pajjiżi milquta mill-gwerra. F’dan is-sens kien kontra r-razziżmu u l-bini ta’ kull tip ta’ ħajt. Fost xi kotba li kiteb, *Modernity and the Holocaust* (1989), *Globalization: The Human Consequences* (1998), *Liquid Modernity* (2000), *Liquid Times: Living in an Age of Uncertainty* (2006) u *Babel* (2016, ma’ Ezio Mauro), dan tal-aħħar esej-djalogu dwar id-dinja kontemporanja, il-globalizzazzjoni, u l-kriżi tas-soċjetà u tal-politika fi żmienna.



**Zygmunt Bauman**

### IL-QTIL TA’ PATRI VIĊENZ GRIMANI

Nhar il-11 ta' Jannar 2017, sar seminar pubbliku dwar "Il-Qtil ta’ Patri Viċenz Grimani," bis-sehem ta' erba' akkademiċi ewlenin, għannej, u żewġ kitarristi. Dan is-seminar kien miftuħ għall-pubbliku inġenerali u sar fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq. Dan is-seminar stħarreġ ir-relazzjoni bejn il-qtil brutali ta’ Patri Viċenz Grimani fl-1738 u l-fatt bil-Malti li beda jitgħanna fil-jiem ta’ wara. Fuq il-bażi tal-ktieb storiku-narrattiv *Min Qatel il-Patri?*, ippubblikat mill-Klabb Kotba Maltin, l-awturi Marlene Mifsud Chircop u Mark Montebello ddiskutew il-kuntest letterarju, storiku u kulturali ta’ din ir-relazzjoni. Il-kelliema ddiskutew wkoll x’kien aktarx wassal għall-qtil, x’ġara wara u, fil-kuntest tal-istudji storjografiċi, għala l-ġrajja għadha tista’ tibqa’ interessanti għalina llum. Fis-seminar ħadu sehem ukoll mill-Università ta’ Malta Dr Bernard Micallef, il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, u l-Prof. Carmel Cassar, mill-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura. Matul is-seminar, dan il-fatt tgħanna mill-għannej Kalċidon Vella, id-Danny, akkumpanjat mill-prim kitarrist Ronnie Calleja, ir-Ronnie, u kitarrist sekond.

### SERATI TA’ POEŻIJA MAL-GĦAQDA POETI MALTIN

Nhar id-9 ta' Diċemberu 2016 l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla ta’ Poeżija ġewwa l-oratorju ta' Ġieżu r-Rabat fl-okkażjoni tal-festi Natalizji li jsiru ġewwa r-Rabat bl-isem ta' *Natalis Notabilis*. Is-Serata kienet tinvolvi qari ta' poeżiji u kant u mużika mill-kantawtur Walter Micallef. Lejla ta’ Poeżija u Mużika oħra mill-istess Għaqda saret nhar is-19 ta’ Jannar 2017 fil-Residenza Hilltop Gardens, fin-Naxxar. Waqt l-istess lejla tnieda wkoll il-*Poetry Appreciation Club*.



**Waqt mil-Lejla li saret fl-oratorju ta’ Ġieżu fir-Rabat**

### TNEDIJA TAĦŻIŻ 4

Nhar is-27 ta' Jannar 2017 ġewwa t-Teatru Orpheum, il-Gżira, tnediet il-pubblikazzjoni finali TAĦŻIŻ4, editjata minn Kit Azzopardi u b’disinn esperimentali ta’ Lorinda Mamo. Is-serata ttellgħet b'direzzjoni ta' Glen Calleja u mużika minn Cryptic Street. TAĦŻIŻ4 kien imqassam fuq numru ta' seminars residenzjali u laqgħat oħra, anki f'Għawdex, li fihom ġew iġġenerati kitbiet b’esperimentazzjoni. Il-parteċipanti f’din l-edizzjoni kienu Michael Carol Bartolo, Diane Cutajar, Rachelle Deguara, Kimberly Hatherly, Maria Pellicano, u Victoria Pisani. Parteċipanti oħrajn kienu Clive Piscopo, Mireille Borg, Yana Mizzi, Matt Schembri u Gabriel Pace. TAĦŻIŻ huwa programm ta’

'empowerment' u formazzjoni ta' tnax-il xahar li jġib flimkien żgħażagħ bi interess fil-kitba kreattiva fid-diversi forom tagħha, kemm fil-kuntest tal-letteratura kif ukoll f'kuntesti artistiċi interdixxiplinarji. 'Taħżiż' iħares b'mod ħolistiku kemm lejn il-proċess ta' kitba kif ukoll lejn l-iżvilupp tal-parteċipanti. Għaldaqstant, il-programm iħares ukoll lejn il-proċess ta' produzzjoni ta' prodotti kulturali li fil-qofol tagħhom jitolbu element ta' kitba u l-preżentazzjoni pubblika ta' dawn il-prodotti.

### LEJLA RUŻAR BRIFFA FI STRADA STRETTA

Nhar it-18 ta' Jannar 2017 ittellgħet il-lejla "Poeta fi Strada Stretta/A Poet in Strada Stretta: Ružar Briffa", fl-iSplendid, fil-Belt Valletta. Waqt is-serata pparteċipaw Victor Fenech, Joe Borg, Adrian Grima, Victoria Pisani, Rita Saliba, Jesmond Sharples u Emel Hasanoglu. L-event sar taħt id-direzzjoni artistika ta' Giuseppe Schembri Bonaci, b'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda tal-Malti, Università, u d-Dipartiment tal-Malti, Università ta' Malta.

### IS-SENA 2017 U ANNIVERSARJI TAL-ĠENERAZZJONI *BEAT*

Is-sena 2017 tfakkar numru ta' anniversarji marbutin mal-Ġenerazzjoni *Beat*, il-kittieba tar-ribelljoni. Sittin sena ilu ġie ppubblikat ir-rumanz *On the Road* (1957) ta' Jack Kerouac. Sebgħin sena ilu - fl-1947 - Gregory Corso, arrestat minħabba serq, beda jikteb il-poeżiji fil-ħabs. Għoxrin sena ilu - 1997 - mietu Allen Ginsberg e William Burroughs. Dawn, flimkien ma' oħrajn, kienu żgħażagħ li ħabbew il-poeżija u anki l-libertà, irribellaw kontra l-forom kulturali u soċjali antiki sa mis-snin '40 tas-seklu 20, u ħallew marka mhux biss fuq l-istorja letterarja tal-Istati Uniti, imma ta' parti kbira mid-dinja. Kienu żgħażagħ li bir-rivoluzzjoni tagħhom antiċipaw it-taqlib li seħħ wara fl-1968. Minn hawn bdiet il-ġlieda kontra r-razziżmu, favur l-emanċipazzjoni tal-mara u l-libertà sesswali, u t-taqbida favur l-emarġinat. Kienet ġenerazzjoni li ħabbet l-isfida u l-esperimentazzjoni, anki permezz tad-droga, il-ħabs u x-xorb. Apparti r-rumanz ta' Kerouac, ta' mn ifakkar il-ftuħ f'San Francisco tal-librerija u dar tal-pubblikazzjoni *City Lights* (sede tal-*Beat* u tal-kontrokultura) min-naħa ta' Lawrence Ferlinghetti fl-1953, il-manifest poetiku *Howl* (1956) ta' Allen Ginsberg, u r-rumanz *Naked Lunch* (1965) ta' William Burroughs.



**Mix-xellug għal-lemin: Allen Ginsberg, Jack Kerouac u Gregory Corso**

### IMUT TZVETAN TODOROV

Nhar is-7 ta' Frar 2017 miet il-filosofu Bulgaru li wara sar ċittadin Franċiż, Tzvetan Todorov. Huwa kellu 77 sena. Kien ukoll storiku, kritiku strutturalista u soċjologo, u teoriku tal-letteratura magħruf. Twieled fl-1939, f'Sofija, fejn fl-1963 iggradwa fil-filoloġija u ttrasferixxa ruħu f'Pariġi fejn beda d-dottorat u studja ma' Roland Barthes biex aktar tard sar direttur taċ-ċentru nazzjonali Franċiż tar-riċerka xjentifika. Minn hawn bdiet l-attività akkademika tiegħu. Fost l-iktar kotba magħrufa tiegħu: *Introduction à la littérature fantastique* (1970); *Conquest of America: The Question of the Other* (1984); *On human diversity: nationalism, racism, and exoticism in French thought* (1993); *Mikhail Bakhtin: the dialogical principle* (1984); u *Facing the extreme: moral life in the concentration camps* (2000).



**Tzvetan Todorov**

**Email mingħand Mario Griscti, it-30 ta' Novembru 2016**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' IL-PONT-Diċembru 2016, ħarġa numru 40. Nibqa' naċċertak mid-dinjità li injettajt f'IL-PONT, editorjal qawwi u veritier, poeżiji ta' livell, tagħrif u kitbiet oħra. Fih gost il-qari, f'kull paġna-nassigurak.

B'Imħabba,

*Mario*

**Email mingħand Michael Zammit, l-1 ta' Diċembru 2016**

Għadni ġej mingħand tal-forn u din l-edizzjoni ta' IL-PONT li għadek kemm bgħattli qed inxommha tfuħ daqs ir-riħa li xammejt ftit ilu ta' ħobz tal-Malti għadu ħiereġ mill-forn.

Kelli sorpriża sabiħa li rajt l-e-mail tiegħi fih ukoll. Ma stennejthiex.

Ktejjeb imlibbes tant sabiħ mimli b'kitba ta' kwalità. Tweġiba ċara u tonda għal dawk li għax ma jafux iħaddmu l-Malti, jogħxew ibaxxuh. Għandna lsien li missna lkoll inkunu kburin bih. Meta ssib nies tas-sengħa li jafu jħaddmuh fil-kitba tagħhom, jagħtuna xogħol ta' klassi li tista' tqabblu ma' kull letteratura oħra.

Grazzi mill-ġdid. Jalla jkollna sena 2017 mimlija b'kotba Maltin u aktar edizzjonijiet ta' IL-PONT (battikata għalik!). Il-Mulej iħarsek u jsaħħek.

**Email mingħand Lina Brockdorff, l-1 ta' Diċembru 2016**

Għażiż Patrick,

Din id-darba tajtna rigal eċċellenti għall-Milied! Tassew fih x'taqra IL-PONT. Naturalment għadni ma qrajt xejn minnu imma xorta xtaqt niktiblek biex nagħmillek kuraġġ u nurik kemm napprezza dan ix-xogħol tiegħek li Alla biss jaf kemm jeħodlok ħin.

*Lina*

**Email mingħand Miriam Camilleri, l-1 ta' Diċembru 2016**

Grazzi ħafna Patrick.

Kemm huwa interessanti u ppakkjat b'tagħrif letterarju. Veru biċċa xogħol prestiġjuża li jhenni lil kulmin għandu għal qalbu l-letteratura Maltija. Proset tassew.

Grazzi ħafna u nselli għalik.

**Email mingħand Amanda Busuttil, l-4 ta' Diċembru 2016**

Għażiż Patrick,

Kont għadni ma sibtx iċ-ċans opportun sabiex niktiblek kelmtejn ta' ringrazzjament mill-qalb, li għoġbok iġġib il-ktieb mill-qrib ta' Niccolo Ammaniti u dawk il-kelmtejn li ktibt fuq dak ir-rumanz kif ukoll tal-ħajku tiegħi li għoġbok tinkludi mal-poeżiji.

Bħalma nħobb nagħmel ser inpoġġi l-kontenut f'*pendrive* ħa mmur nipprintjaha kollha għax qed tagħmel *magazine* isbaħ mill-ieħor kull ma jgħaddi. Il-vera fiha mitqlu deheb din ir-rivista serja li int qed taħdem b'tant entużjażmu u nistgħu napprezzaw kemm fiha ħin, dedikazzjoni u sagrifiċċju warajha, għax illum il-ħin li tagħmel fuq kompjuter hu sagrifiċċju u dan jafu kull min jeħtieġlu jagħmel xi xogħol simili, ta' kitba, eċċ. Dawn il-*gadgets* tal-lum, *tablets*, kompjuters, tv, eċċ., bid-dawl li fihom tħosshom jixorbulek għajnejk, almenu jien hekk inħosshom wara li jgħaddu sagħtejn u nkun naf li għadda tant ħin għax għajnejja jibdew jilmentaw bl-uġigħ.

Tassew GRAZZI ta' din il-biċċa xogħol tant serja li qed tagħmel.

Inselli għalik,

*Amanda*

**Email mingħand Paul Cassar Abela, il-5 ta' Diċembru 2016**

Hello Patrick, L-ewwel ħaġa nixtieq nirringrazzjak tax-xogħol li tieħu. Issa li rtirajt kelli ċans nagħti ħarsa lejn ħargiet qodma ta' IL-PONT. U kif kont inħares lejn PONT tas-sena l-oħra rajt ittra ta' Lina Brockdorff… fuq l-istazzjonijiet tar-radju Malti. Jiena hawn nieħu pjaċir nisma' l-*community radio* tal-*Maltese Com Council* , siegha bil-Malta kull nhar ta' Ħadd u kultant ikun hemm Victor Vella li joffri xi ħaġa ġdida lis-semmiegha. Dawn jistgħu jkunu ta' interess lis-semmiegħa Maltin ta' Malta. F'kull xandira li jagħmel Victor idaħħal xi *quiz* daqqa fuq l-istorja ta' Malta, daqqa fuq il-ħxejjex, daqqa fuq postijiet storiċi u kultant ukoll fuq il-lingwa u proverbji u folklor Malti. Kultant jagħmel xi ħaġa fuq il-grammatika Maltija … xi ħaġa ħafifa bħal, per eż. għaliex niktbu 'ha' fl-aħħar ta' 'naddafha'. Dan l-aħħar talab lis-semmiegħa biex jiktbu storja qasira ngħidu aħna ta 20 vers, u tagħna wkoll l-ewwel sentenza bħal, 'Kien lejl ta' maltemp u xita u kif konna naraw it-televixin, ħabbat il-bieb...', biex aħna nkomplu l-istorja. Mar-risposti Victor jagħti wkoll spjega qasira fuq ir-risposta. Almenu iġegħelna naħsbu ftit. U forsi niftakru kif niktbu bil-Malti, u mbaghad jaqra r-risposti jew l-istejjer qosra fuq ir-radju. Jiena insibhom interessanti u xejn xejn ħajjar li xi Maltin jerġgħu jużaw il-lingwa. Qalilna kemm-il darba biex ma nagħtux kas tal-*ispelling*... taf int l-għajn (għ) u ċ-'ċ' bit-tikka jew bla tikka…. l-aqwa li dak li niktbu jiftiehem. Dawn il-*quizzes* jaħdmu aħjar jekk ikun hemm is-sistema tat-*talk-back* għax jistgħu jinqraw mid-dar u jinstemgħu fuq ir-radju.

Ideat li għogbuni u jiena għidt ħa ngħaddihielkom, forsi flok id-daqq u l-kant tidħol ftit ta' edukazzjoni. Saħħa u grazzi.

*Paul Cassar Abela*
*Liverpool, N.S.W., Australia.*

**Email mingħand Victor V. Vella, is-6 ta' Jannar 2017**

Sur Editur,

Waħda mid-dllemmi ta' dawk li jiktbu bil-Malti f'pajjiżi barranin hi din: x'sa jiġri minn dak li nikteb wara li ninżel minn fuq il-palk tal-ħajja. It-tfal ma jitkellmux, ma jifhmux, nissogra ngħid li ma jimpurtahomx f'dak li nkiteb bl-lingwa barranija (għalihom!). Allura l-mistoqsija qiegħda hemm imdendla b'xagħra.

Għal lingwa 'żgħira' fid-daqs, dan ikun gwaj fejn kull taqtira ilma mitlufa tagħmel effett. Barra minn hekk hemm ukoll il-kontribut dirett ta' din il-kitba barranija, kontribut ta' stili differenti, ta' suġġetti u ta' trattament tagħhom, li ma jistgħux ma jgħinux u jżidu l-varjetà u wkoll iseddqu l-kitba letterarja Maltija in ġenerali. Il-kittieb barrani jrid u ma jridx u ftit jew wisq jiġi mdakkar mil-lingwa, ideat, kulturi, fuq kollox nies ta' *background* differenti. Nista' nżid ukoll li l-awtur barrani jista' jibda jara l-pajjiż nattiv, f'dawl ieħor. Il-bogħod jista' jgħin!! Dan kollu jagħmel il-kontribut ta' kittieb Malti barrani iktar ta' fejda .

F'dawn il-ħamsin sena li ilni ngħix u nikteb l-Awstralja ltqajt u qrajt u smajt diversi kitbiet fuq gazzetti, fuq ir-radju, f'xi laqgħa letterarja li mhux bilfors kollha, imma fihom xi ħaġa letterarja. Qiegħed niftakar bħalissa f'Ġorġ Chetcuti li kien kontributur assidwu tal-gazzetta Maltija, (it-tnejn ħallewna!) "The Maltese Herald", bl-artikli fuq il-lingwa u wkoll bil-poeżiji u stejjer li kien jikteb u jippubblika. X'ġara minnhom ma nafx u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar jindifnu u jintsew.

Min jaf kieku xi ħadd jieħu inizjattiva li jifforma bħal bank għal u ta' dawn ir-riżorsi, bank fejn jistgħu jinġabru mhux biss il-kotba eċċ li ġew ippubblikati… imma iżjed u iżjed dik il-kitba li qatt ma rat id-dawl tax-xemx, stejjer, ittri, taħdidiet, poeżiji u oħrajn li għadhom fuq l-USB's. Dan jista' jsir proġett taħt id-dipartiment tal-Malti tal-Università, fejn grupp żgħir ta' studenti u għalliema tal-Malti jistgħu jidħlu għal dan ix-xogħol taħt sorveljanza (mhix assoluta!) ta' Professur.

Nifhem li kull awtur jaħseb li hu/hi Shakespeare jew Dante. Allura tidħol l-għażla: dak li jista' jinżamm u dak li jiġi mormi, li daż-żmien mhix daqshekk ħafifa! Wara kollox dan hu proġett *long term.* Anzi bħalma ngħidu bil-Malti, iż-żmien isajjar il-bajtar, u iżjed u iżjed jagħżel il-kitba ta' fejda minn dik li hi għajjiena jew imqanzħa!

Jista' jkun li proġett bħal dan isir il-proġett tas-sena l-ġdida li forsi wkoll jiġi megħjun u inkoraġġut mill-hekk imsejjaħ id-Dipartiment għall-Maltin ta' Barra.

*Victor V. Vella B.A., MA (Sydney Univ.)*
*Baulkham Hills , NSW, Australia.*



# ALFRED PALMA U L-PALK:

**X'inhi r-relazzjoni tiegħek mat-teatru? Minn fejn u meta bdiet?**

Ir-relazzjoni tiegħi mat-teatru bdiet fis-sena 1995, meta l-bravu attur u direttur tal-Kumpanija Teatrali Talenti, Mario Micallef, avviċinani u wrieni x-xewqa tiegħu li jtalla' d-dramm *The Comedy of Errors* ta' Shakepseare bil-Malti, fit-Teatru Manoel. Dak id-dramm kont għadni ma qlibtux għall-Malti, għalhekk tajtu prijorità, ittraduċejtu, u f'Jannar 1996 tellajnieh fit-Teatru Manoel, fejn kiseb suċċess kbir, u minn hemm bqajna għal snin twal wara ntellgħu dramm ta' Shakespeare fl-istess Teatru, sakemm xi ħadd għoġbu jwaqqaf is-sensiela, għal raġunijiet li nista' nobsorhom!

**L-iktar xogħol reċenti li inti ttraduċejt għall-Malti u ttella' fit-Teatru Manoel kien *Hekuba*? Dan la kien l-ewwel xogħol u lanqas l-aħħar ta' dan it-tip. Xi tgħid dwar dan?**

Id-dramm *Hekuba*, kif taf, huwa wieħed mill-akbar drammi ta' Ewripide, it-teatru Grieg fl-aqwa tiegħu. Kmieni fis-snin elfejn, dan xtaqet itellgħu u taħdem fih il-bravissima attriċi Karmen Azzopardi; avviċinanti, qlibtulha għall-Malti, tkellimna mal-Kumpanija Talenti u tellajnieh Ta' Qali fl-2003, fejn kien suċċess kbir. U, dan l-aħħar, Karmen reġgħet uriet ix-xewqa tagħha li terġa' taħdem f'dan id-dramm. Erġajna kkoperajna mal-Kumpanija Talenti u, kif għidt int, tellajnieh ftit ilu fil-Teatru Manoel, fejn għal darb'oħra reġa' kiseb suċċess kbir, grazzi għall-ħila ta' atturi bravissimi u *cast* eċċezzjonali taħt id-direzzjoni stupenda ta' Josette Ciappara.

**Meta tittraduċi tħoss li hemm kapaċitajiet differenti meta tkun qed taħdem fuq xogħol narrattiv bħal rumanz u xogħol teatrali? Liema? Liema għodda tuża? Xi sfidi jirrikjedu xogħlijiet bħal dawn?**

Id-differenza f'dan ir-rigward hija minima. It-traduttur ta' ktieb jikteb għall-qarrejja; min jaqleb xogħol teatrali jrid isir parti mill-udjenza li tkun sejra tara d-dramm, irid jgħarbel in-natura tad-dramm u jħoss x'possibilment tista' tkun ir-reazzjoni tal-udjenza li tkun se tara xogħlu. Fiż-żewġ każi tinħtieġ il-fantasija li tgħodd kemm għat-traduttur kif ukoll għall-atturi li eventwalment jaħdmu x-xogħol teatrali li, finalment, ikollhom joqogħdu għal dak li d-Direttur inkarigat mid-dramm jidhirlu li jkun xieraq għall-preżentazzjoni finali. L-għodda li nuża tibqa' dejjem stil ta' traduzzjoni adattat għad-dramm li jkun se jittella', primarjament epoka, kostumi u xenarju, li jikkumplimentaw il-fantasija ta' kulmin imur jara d-dramm.

**Liema huma l-awturi tat-teatru li qlibt għall-Malti? Għaliex għażilt lilhom?**

Għat-Teatru Manoel qlibt bosta drammi ta' Shakespeare, u kollha fuq xewqa ta' Mario Micallef li, kif għidtlek, meta dik is-sensiela twaqqfet, allura xtaq li jibda jtella' (aktar) *one-man shows* u/jew adattamenti ta' xi xogħol letterarju kbir. Hawn ħdimt fuq id-*Divina Commedia* ta' Dante, li adattajtha kollha fi proża, il-ħajja mqallba ta' Caravaggio, adattament tad-dramm kontroversjali *Salomé* ta' Oscar Wilde għal erba' atturi biss, monologu fuq San Pawl, u s-sena l-oħra l-ħajja traġika ta' Oscar Wilde, adattament ukoll għal erba' atturi. Dawn ix-xogħlijiet kollha kisbu suċċessi kbar.



Mario Micallef ma' Larissa Bonaci fid-dramm kontroversjali ta' Oscar Wilde *Salomé*.

**Kif jintlaqgħu id-drammi li qlibt għall-Malti mill-atturi li jkunu se jaħdmu l-partijiet differenti?**

Għall-bidu d-drammi bil-Malti tiegħi, użat biex jikkumplimenta ż-żmien li fih tkun seħħet il-ġrajja, kien ikedd xi ftit lill-atturi li kienu jkunu se jieħdu sehem, għax ma kinux ikunu mdorrijin b'Malti arkajk. Iżda jien spiss kont nattendi għall-provi, u tifsira 'l hemm u 'l hawn konna nsolvu l-problemi kollha li kienu jinqalgħu.

**Kif intlaqgħu dawn ix-xogħlijiet - rappreżentazzjonijiet mill-pubbliku Malti?**

Il-pubbliku Malti dejjem laqa' dawn ix-xogħlijiet b'ħeġġa u entużjażmu kbir. Sa din l-aħħar rappreżentazzjoni bil-Malti ta' *Hekuba*, fejn kellna attendenza rekord u kulħadd ħareġ sodisfatt. U dan jawgura tajjeb ħafna għat-teatru Malti li, b'xorti ħażina, x'uħud iħarsu lejh b'għajn xettika sempliċiment għax huwa teatru bil-Malti!

**Kemm tħoss li xogħlijiet bħal dawn minkejja li nkitbu sekli twal ilu għadhom jappellaw għall-preżent? Kif?**

Kif qal Keats: *A thing of beauty is a joy forever*. Illum qegħdin ngħixu ħajja mgħaġġla u artifiċjali, fejn il-Filistiniżmu u l-apprezzament (u l-adorazzjoni) ta' ħwejjeġ koroh u banali saru kważi kult mondjali. Iżda l-arti vera, inkluża dik tal-palk, tibqa' ssaltan minkejja l-irwiefen kuntrarji u l-ħaxix ħażin li jitrabba madwarha. Forsi għal bosta dawn ix-xogħlijiet ma jappellawx. Jippreferu xi ħaġa trivjali u ta' divertiment irħis, li taljenahom mir-realtà illużorja li ddawwarhom; iżda minn jaf japprezza dak kollu li hu sabiħ fil-ħajja, dak li verament ipaxxi lir-ruħ, dan ikompli jfittex l-arti vera, u fiha jsib l-hena li altrimenti ma jista' jsib imkien aktar!

**Qatt ħsibt li tikteb dramm oriġinali inti stess?**

Fil-fatt, fis-snin sittin kont ktibt għadd kbir ta' radjudrammi oriġinali għar-Rediffusion, li kienu ntgħoġbu ħafna mis-semmiegħa, u minnhom qlajt lira tajba. Ġieli ħsibt li nikteb dramm oriġinali għall-palk, iżda x-xogħol intens ta' traduzzjoni u kitba oħra, li issa ilhom jokkupawni snin twal, dejjem ġagħalni nħalli għal darb'ora. Forsi xi darba... min jaf. Għalissa nkompli ngħix id-dramm ta' ħajti!

**Proġetti oħra għall-ġejjieni?**

Għall-ġejjieni, bħas-soltu flimkien ma' Mario Micallef u l-Kumpanija Talenti, qed inħejju għal *one-man show* ieħor spettakolari. L-*iscript* ġa mfassal u ġa tlaqna... Ma nistax nagħtik aktar ħjiel; iżda naċċertak li se jkun *show* li ma jagħmilx għajb lil dawk ta' qablu, u b'Mario Micallef bħala l-attur ewlieni, qajla jaħtieġ inżid ngħidlek aktar!



Mario Micallef fil-parti ta' Dante Alighieri




# TWO

**Teodor Reljic, Merlin Publishers, 2014.**

***Two* is a 130 page novel written by someone born in Belgrade, lived in London and raised in Malta. In some way or another all this helped in the formation of the novel as a whole. How do you react to this?**

I've never actually lived in London – though I've visited many times, partly owing to the fact that many of my friends are based there – but the rest is fairly spot-on, I would say. The novel is a sort of imaginative and highly 'sensorial' autobiography. My aim in writing *Two* was to both filter out and express an unpleasant (and at the time very raw and current) family situation, and to process my own experience of Malta, having arrived here very young and being all the more vulnerable to the sense of displacement that comes along with that but also – hopefully – all the more sensitive for it, and left with memorable impressions that I could use with immediacy and not a small degree of relish.

I've made the family half-Maltese and English instead of Serbian (my own original nationality) partly to distance myself just enough from autobiographical elements to make it viable and freeing enough to write as fiction, while it also serves to tie form with content since I am writing it in English: a language that's grown to be my first language in every sense of the term, and whose tumultuous relationship to Malta makes for another interesting (if heavily veiled) through-line for the novel.

**What were you favourite reads when you were younger? How did this and your university studies help in enriching your capabilities in writing?**

I'll leave the judgement of my 'capabilities' as a writer to others, and I'll focus on speculating how my various influences continue to nudge me to write the kind of things I do. Among my earliest memories of 'experiencing' literature came in the form of my mother and other relatives reading me a Serbian-language children's edition of 1001 Nights: a scenario whose influence should be clearly evident to anyone who has read *Two*, and which I believe cemented my love for fantastical literature for life. In fact, JRR Tolkien's *The Lord of the Rings* stands as an important stepping stone from my adolescent to adult life, and the fact that the superlative Peter Jackson film adaptations followed soon after I had read (and reread, and reread) Tolkien's epic fantasy tome only ingrained their power, majesty more deeply into my memory – even if I consider elements of it to be narratively clunky and politically reactionary to a fault nowadays. (Nowadays, it's subsequent luminaries of that broad genre who keep me on my toes: Mervyn Peake, Angela Carter, Michael Moorcock, Clive Barker, China Mieville, Jeff VanderMeer…).

Prior to that, though, it's comic books that held sway over and nurtured my imagination; in a lot of ways they are my 'first love' and I've been habitually returning to them after something of a lull – to the point where I'm now writing a comic book series which will be illustrated by Inez Kristina and also published by Merlin, and it's a process I'm finding enjoyable and strangely 'right': like this was what I've wanted to do all along. In fact, my most recent –

and dramatic – return to comics came at the tail end of my BA in English Literature. Frustrated with dissertation and assignment deadlines and having to cram for synoptic exams, I tucked into the local comic book store and started buying up new titles as the mood took me. It was a telling instinct, of course: that's where I belonged, and the form took me back in with open arms.

Having said that though, I'm very glad to have studied literature at both undergraduate and post-graduate level. Apart from obviously helping my formation as a critic and reviewer, it also gave me a keener sense and appreciation of the history and context of literature – which is not only humbling but also a spur for inspiration for my own writing. Plus, I'm not one of those people who believe that the academic or theoretical sides of literature are somehow detrimental to writing fiction – if anything, some of my favourite writers (from various historical epochs) straddle both and appear to be all the stronger for it.

**Colours, sounds and scents are a strong element in your novel. Malta is seen mostly as yellow; the hospital is white; the smells in the church; the cars, the trucks. Why are such elements so important in your writing?**

A big part of it is blowing up direct observations through the child-like perspective of the narrator. But then there's also the fact of wanting to counter-point the fantasy portion of the novel with a well-realised physical world. In the end it boils down to the essentials of storytelling: seduction, variety and immersion.

**I also noted the recurrent use of unusual similes: the child is "like a fat cat in the middle"; "the wind feels like ... wispy soft air that's not milkshake-thick but milk-thin"; the house is "like a giant boiling cauldron"; the engine of cars and trucks "put-putts like... a long fart that doesn't stop". Do you keep a list of such analogies in order to use them when in need? How are such comparisons born?**

I never kept a list of these phrases or analogies. They come about as a result of logically following my perceptions and then filtering them through the point of view of the childlike narrator. I take some ideas I've already had about Malta – the milkshake-thick air in particular – and then ask myself, how would William express this?

**This is a story for adolescents and for adult readers alike. It deals with the child and parents relationship, reaching maturity and independence (William finally says " I am my own"), but also separation from the loved ones, sickness and death. How does all this link with the fantasy or fairy-tale aspect in the novel?**

Well, the coming-of-age story is a recurrent trope in fantasy fiction and something that's very much ingrained in my own early reading habits, so to a point I suppose *Two* sees me paying tribute to that. In this particular case, too, William's perception of the fantastical world is an integral part of his growth as a person: he learns to 'read' the story that his mother used to lull him to sleep with and to see within it the seeds to a secret that is only now coming to a head.

**Reading, story-telling and writing are all important in the story. Vermillion spends his time locked in the basement reading books from the bookcase; William's mother tells her son the Vermillion stories and writes a journal. Are reading and writing ways to make the anger in oneself go away, carriers of truth, a compensation for the absence of the people we love?**

As I've mentioned above, the act of reading is intertwined into the narrative in a very real and immediate sense. I think reading and writing can be all of the things you describe, and certainly serve that kind of function in the novel. But I have to say that ultimately, it's my unmitigated love for books



**Teodor Reljic (Photo  Jacob Sammut)**

that first led me to make that element so prominent in the story, and I don't apologise for that one bit.

**In a way *Two* also refers to William's and Vermillion's parallel stories. We also read that "the biggest difference in the world is the difference between stories and lies". Reality and fiction are very much related. What do you think about all this?**

Yes, I believe they are related in ways that we don't want to acknowledge or imagine, much to our own detriment, I think. Much like some of my favourite artists and authors, I firmly believe that it is possible to be both entirely sceptical about the existence of a wider, abstract power pulling the strings of the universe while simultaneously acknowledging the symbolic power of ritual, myth and storytelling to give order to our world and organise our daily perceptions. The current panic about 'fake news' and 'post-truth' would have been mitigated substantially, I think, if we were raised to not cultivate such a rigid distinction between what is real and not real, and instead treat every single perception as being porous to the most liberal reinterpretation.

**We read in your novel that "your memories are the most important things of all". How much do you believe in this?**

I believe it 'enough'… at least to the point where I think memories are what shape our identity: you tend to act based on what you remember – both in practical and emotional matters. But as we all know, memory is a slippery thing, and the 'management' of it can be even more important that our immediate experience of it.

**Your novel ends with the three dots… Does this mean that there will be a sequel or is this an invitation for the reader to continue thinking about William's/Vermillion's voyage-story?**

I would say that mainly, it's the latter. If I do continue the story in some way, it would be by way of thematic considerations, and not the narrative or the characters.




## FILIAL CHURCHES IN MALTA

***QORMI: A CASE STUDY*, Hilary Spiteri, Horizons 2016.**

***Filial Churches in Malta, Qormi: A case study* (2016) huwa t-tieni pubblikazzjoni tiegħek. Kif tvarja din il-pubblikazzjoni mill-ewwel waħda tiegħek, *Academic Artistic Training in Early British Malta* (2011)?**

Għalkemm fiż-żewġ pubblikazzjonijiet nitkellem dwar arti, storja u kultura, *Filial Churches in Malta, Qormi: A case study* huwa studju aktar mifrux mal-medda ta' sekli li kkaratterizzaw l-identità Kristjana fil-gżejjer Maltin. Fl-ewwel pubblikazzjoni tiegħi kont ittrattajt il-wasla tal-Ingliżi f'Malta u l-impatt soċjoloġiku u artistiku li ġabu magħhom. Iffukkajt l-aktar fuq il-pedagoġija artistika li kienet ġiet istituzzjonalizzata taħt il-patronċinju tal-Università ta' Malta ħajr għall-ewwel rettur, maħtur minn Alexander Ball, Francesco Saverio Caruana. Fit-tieni pubblikazzjoni tiegħi hija l-komunità Maltija li tagħmel l-istorja u mhux personaġġi partikolari. L-istudju juri b'mod ċar il-mod ta' kif il-komunità Maltija evolviet mal-medda taż-żmien minkejja diversi ħakmiet mill-barrani, epidemiji u anki diżastri oħra naturali. Ir-riċerka tagħti xhieda ta' kif il-Malti dejjem żamm sod fuq saqajh minkejja kollox billi ħaddan sens qawwi ta' komunità u ddedika lilu nnifsu b'mod sħiħ lir-reliġjon li sawritu.

**Tħoss li f'dawn il-ħames snin li jifirdu ż-żewġ pubblikazzjonijiet kien hemm opportunitajiet li lilek tejbuk f'rabta mas-suġġett tal-Istorja tal-Arti?**

Ir-rabta li għandi mill-qrib mal-Istorja tal-Arti u r-riċerka għenuni sabiex niltaqa' ma' wċuħ ġodda u anki nikkonsolida ħbiberiji antiki, kemm fuq livell professjonali, kif ukoll fuq livell soċjali. F'dan il-perjodu ta' ħames snin huwa ċert li ssawwart aktar fejn tirrigwarda l-kitba u anki fid-dversi modi ta' kif wieħed iwassal u jevalwa l-argumenti tiegħu mibnija fuq ir-riċerka.

**Minn fejn twieled *Filial Churches in Malta*? Kemm irrikjeda żmien biex fl-aħħar il-proġett seta' realtà?**

Il-ktieb *Filial Churches in Malta* jeħodni lura għas-snin tiegħi ta' meta kont student fl-Università ta' Malta. Propju f'dak il-perjodu kont bdejt din ir-riċerka u saħansitra ppreżentajtha bħala parti mill-istudju tiegħi għall-Baċellerat fl-Istorja tal-Arti. Iż-żmien gerbeb ġmielu imma l-interess dejjem baqa' hemm. Fuq medda ta' aktar minn għaxar snin komplejt niġbor aktar materjal u amplifikajt ir-riċerka sakemm fl-2014 ikkompilajt dan il-ktieb mogħni b'bosta materjal ġdid, kemm ta' riċerka kif ukoll ta' fotografija.

**F'dan il-ktieb ġdid inti tlaqt minn kuntest wiesa' biex fl-aħħar tasal għall-kuntest lokali. Xi tgħid dwar dan? Liema kienu l-għejun li minnhom ġibt it-tagħrif miġbur?**

Sabiex wieħed jasal biex jifhem il-mikrokożmu jrid primarjament jagħmel sens mill-makrokożmu. U hekk ġara f'dan il-każ. Wieħed ma jistax jasal jifhem l-importanza ta' dawn il-binjiet jekk ma jitpoġġewx fuq livell Ewropew, livell nazzjonali u livell lokali. L-idea ta' kożmopolita f'Malta ma nibtitx mal-firxa tal-globalizzazzjoni imma Malta affaċċjat dan it-tibdil fil-passat, b'mod speċjali mal-wasla tal-kavallieri tal-Ordni ta' San Gwann. Huwa propju f'dan il-kuntest li wieħed għandu jevalwa l-arti, l-arkitettura u l-istorja ta' dawn il-knejjes li jinsabu bil-bosta fuq il-pjanura Maltija u Ghawdxija.

L-għejun minn fejn ksibt tagħrif huma diversi, fosthom arkivji statali u kurjali, arkivji parrokjali u notarili, kif ukoll minn diskussjonijiet ma' bosta persuni minn lokalitajiet differenti, ħafna minnhom imdaħħla fiż-żmien, li rrakkontaw bosta użanzi u t-tradizzjonijiet marbutin ma' dawn il-binjiet.

**Apparti t-tagħrif li fih il-ktieb, preġju ieħor huwa l-aspett viżiv magħmul minn għadd kbir ta' ritratti interessanti ferm. Xi tgħid dwar dan? Kemm jgħinu dawn biex il-qarrej japprezza iktar dan it-tip ta' wirt li nistgħu niftaħru bih aħna l-Maltin?**

Meta bdew it-trattati mal-pubblikatur Horizons fuq il-produzzjoni tal-ktieb, ħareġ b'mod ċar mill-bidu, u bi qbil unanimu, li dan il-materjal kellu jiġi msaħħaħ b'esperjenza viżiva li tgħin lill-qarrej jagħti sens lill-informazzjoni moqrija. Il-maġġoranza tar-ritratti ġew meħuda minni stess b'dedikazzjoni u professjonalità. Immaġni oħrajn ta' xogħlijiet artistiċi li huma ppreservati f'kollezzjonijiet 'il boghod minn xtutna, ġew ħafna minnhom ippubblikati għall-ewwel darba fejn jintroduċu s-suġġett fuq livell Ewropew u l-iżviluppi storjografiċi li seħħew.

**Għaliex il-knejjes filjali ta' Ħal Qormi? Għandek f'moħħok li tittratta knejjes simili f'rabta ma' rħula oħrajn?**

Għalkemm jiena Qormi u għadni nagħmel parti mill-komunità tal-Qriema, l-għażla tal-lokal kienet ibbażata mhux fuq affinità personali imma fuq l-integrità tar-riċerka. Ħal Qormi huwa raħal li għadu jħaddan disa' eżemplari ta' dawn il-binijiet li ġew mibniija bejn is-seklu sittax u dsatax. L-istorja fid-dokumenti teħodna lil hinn fl-istorja imma sfortunatament, dawn l-istrutturi twaqqgħu biex ħadulhom posthom dawk preżenti. Il-każ ta' Ħal Qormi, raħal prominenti fejn minn dejjem kellu rabta mill-viċin mal-kummerċ, il-merkanzjia u r-reliġjon, joffri xenarju tajjeb għall-iżvilupp tad-dawn il-knejjes, l-opri li jsebbħuhom minn bosta artisti arkitetti rinomati Maltin u barranin u l-kult li nbena madwarhom mhux biss fuq livelli lokali imma anki nazzjonali.



Hilary Spiteri




# ACHILLE MIZZI

***Il-Werriet u s-Suċċessur Den ta' Dun Karm* - Antoloġija ta' poeżiji u kritika, Horizons 2016.**

**Reċensjoni tal-poeta Ġorġ Borg.**

Il-poeta Achille Mizzi għoġbu jgħaddili kopja tal-ktieb li jġib ismu, ikkurat minn Andrew Sciberras u ppubblikat minn Horizons lejn tmiem is-sena li għaddiet. Jien, bħala kompliment għall-Poeta Mizzi, qiegħed nikteb din ir-reċensjoni li fl-istess ħin għandha sservi ta' inkuraġġiment xieraq għad-dar tal-pubblikazzjoni Horizons li qiegħda tidħol għal pubblikazzjonijiet ta' din ix-xorta b'riskju ta' telf ta' flus mhux żgħir.

Il-ktieb *Achille Mizzi*, li jġib is-sotto-titlu *Il-Werriet u s-Suċċessur Den ta' Dun Karm*, kliem li kien intqal għal Mizzi mill-Professur Oliver Friggieri, hu minnu nnifsu antoloġija selettiva ta' għadd imdaqqas ta' poeżiji meħudin mis-seba' kotba li ppubblika s'issa il-poeta Mizzi (b'kollox 77 poeżija flimkien ma' poeżija oħra, *Il-Karba tal-Palestinjani*, kif ukoll 10 poeżiji li kienu ġew tradotti mill-Prof. Peter Serracino Inglott, meħudin mill-ktieb *The Essential Achille Mizzi*. Magħhom hemm ukoll poeżija oħra inedita, *The Laughter of Fools*, miktuba bl-Ingliż mill-poeta stess u bi kritika dwarha minn Tarċisju Zarb. Il-poeżiji huma magħżula b'reqqa biex iservu ta' eżemplari għall-poetika ta' Mizzi; għalhekk il-qarrej b'dan il-ktieb għandu jifforma idea tajba tal-korp poetiku kollu tal-Poeta.

Il-ktieb jiftaħ b'nota bijografika ta' Mizzi u warajha nsibu Kollokju twil ta' 20 paġna mal-poeta nnifsu. Mhux l-ewwel darba li Mizzi ġie intervistat dwar il-ħajja letterarja u tematika tiegħu billi diversi intervisti dehru minn żmien għal żmien f'gazzetti u rivisti, iżda jien inqis li dan il-Kollokju hu l-iżjed wieħed informattiv, l-aktar minħabba li jkopri iżjed spazju u t-tweġibiet mudwala u profondi huma frott ta' ħajja twila u matura.

F'din l-intervista Mizzi jagħti ħarsa mill-ġdid lejn ix-xogħlijiet tiegħu u jikkummenta, tista' tgħid, fuq kull aspett li wieħed isib fit-tessitura poetika tiegħu bil-firxa kollha tagħha. Hekk hu jitkellem dwar l-għatx għall-assolut, il-post tal-bniedem fl-univers, l-ansjetajiet kbar tiegħu, il-ġibda sesswali u l-estasi reliġjuż, il-ħajja u l-mewt, is-sentiment kożmiku u x-xjenza, fost oħrajn. Inħoss li s-sentenza importanti tiegħu f'dan il-Kollokju hi, "Fost il-karatteristiċi li ta' min isemmi hemm ukoll is-sentiment kożmiku (*cosmic feeling*) li jitfaċċa mix-xquq kollha tax-xogħol tiegħi." Mizzi jkompli jfisser din l-asserzjoni tiegħu fil-versi ta' wara.

Lili jibqa' jgħaġġibni kif Mizzi kapaċi joħloq pont bejn ix-xjenza u l-emozzjonijiet tiegħu, bejn l-enimmi kbar eżistenti fil-ħolqien u ċ-ċokon tal-ħlejjaq, bejn iż-żmien u l-eternità.

Huwa jwasslilna l-ideat tiegħu ta' kif il-poeżija li jikteb hija sintesi tal-esperjenzi u l-intuwizzjonijiet profondi li huma materjali daqskemm sagri. Dawn, inkompli ngħid jien, huma miġjuba lilna b'Malti mill-

iżjed rikk li hu tiegħu biss u li bih kapaċi joħloq ħsejjes ritmiċi li għandhom minn sinfoniji li tant ipaxxu lil widnejna.

Lejn l-aħħar tal-intervista Mizzi jgħidilna li issa li għalaq is-77 sena ta' ħajtu qiegħed iħossu li għejja jikteb għalkemm għandu t-tama li jerġa' jirxoxta mill-ġdid bħala poeta. Jien naf minn ġewwa li l-vina poetika tiegħu għadha tnixxi xi ftit u jalla ma jdumx ma jagħtina ġabra oħra ta' poeżiji li jkollha qawwa u profondità ta' ħsibijiet kif nistennew dejjem mingħandu. Dan qiegħed ngħidu b'konvinzjoni għax Mizzi dejjem żamm konsistenza fil-livell għoli miksub minnu, aspett dan mill-iżjed pożittiv li tassew ftit mill-poeti, lokali u barranin, kienu kapaċi jżommuh sal-aħħar.

Il-ktieb *Achille Mizzi* huwa mqassam bejn poeżiji u studji kritiċi qosra. Fil-fatt hemm tliet studji/ kummenti kritiċi tal-poeta Andrew Sciberras. Fi tnejn minnhom Sciberras jelabora fuq il-vjaġġ poetiku ta' Mizzi u allura wkoll dwar it-tiftix intens f'dak l-istess vjaġġ. Naħseb li l-aħjar wieħed tiegħu li huwa l-iżjed dettaljat hu dak li jismu 'Il-vjaġġ metafiżiku fil-Poeżija ta' Achille Mizzi'. Sciberras hawnhekk iwessa' l-orizzonti tiegħu u jagħti ħarsa lejn il-poetika ta' Mizzi mil-lenti tal-psikoloġija u l-psikanaliżi, żewġ suġġetti li huma ħafna għal qalb Sciberras. It-tielet kontribuzzjoni hija pjuttost riflessjoni qasira dwar il-ktieb *The Essential Achille Mizzi* li semmejt fil-bidu.

Minbarra dawn l-istudji kritiċi hemm ħamsa oħra minn Tarċisju Zarb li għamel karriera twila bħala għalliem tal-Malti u li ilu mitfugħ fuq il-kritika sa mill-bidu tal-ħajja letterarja tiegħu. Xi wħud minn dawn il-kitbiet dehru diġà bħala reċensjonijiet ta' xi kotba ta' Mizzi u jidhru li ntgħoġbu sew għax wieħed minnhom bl-isem 'Achille Mizzi poeta poeta' kien inkluż fl-aħħar parti tal-ktieb *Eklissi Perpetwi* tal-istess Mizzi.

Tlieta mill-kontribuzzjonijiet ta' Zarb huma fil-forma ta' analiżi ta' poeżija waħda ta' Achille Mizzi. Hawnhekk Tarċisju Zarb inħossu jeċċella f'dik li hi kritika analitika u għarriexa bil-kummenti tiegħu, li żgur li tgħin bis-sħiħ lill-qarrejja u b'mod speċjali lill-istudenti tal-letteratura tagħna. (Bħala eżempju ara l-poeżija *Il-Karba tal-Palestinjani*, p. 253)

Osservazzjoni żgħira. Il-ktieb jiġbor fih kritika ta' Andrew Sciberras u Tarċisju Zarb kif diġà rajna. Għalhekk mhux ħafif li tifhem għaliex fil-qoxra tal-ktieb jissemma biss Sciberras. L-istess isir għan-nota bijografika ta' Sciberras.

Kollox ma' kollox il-ktieb *Achille Mizzi* għandu s-siwi kbir tiegħu kemm bħala antoloġija poetika kif ukoll bħala ġabra żgħira ta' kitbiet b'kummenti kritiċi li bihom wieħed jista' jifhem iżjed kif jaħdem il-moħħ ta' poeta mill-iżjed fin u analitku bħalma hu dak ta' Achille Mizzi.

## FEMME FATALE

Inti s-siġra tan-nofs
fil-Ġnien tal-Għeden.
Għeruqek inixxu
il-ħalib seminali
tad-dnewwa.
Il-lbieba
tal-frotta li tonfoħ
bħal tronġa
tkemmex il-palat.

Mhux ħdan matern
għandek int,
imma żina mlebleb
ta' nfafet ibaqbqu
bit-tajn jaqbad
ta' Sodoma u Gomorra.

**ACHILLE MIZZI**

**(minn *Ilsna tan-Nar*, 1993)**



# TIFKIRA TA' POETA

**Ix-xahar ta' Jannar jintrabat mat-twelid ta' poeta Malti-Awstraljan li ħalliena fl-2013. Ismu kien JOE SALIBA.**

**Minn "Joe Saliba: il-mewt ta' poeta", ILLUM.com, 25 ta' Awwissu 2014**

**Jikteb Mario Azzopardi:**

Meta wasalt l-Awstralja qaluli li marid ħafna. Xtaqt narah imma tawni parir li aħjar le.

[...] Joe Saliba, awtur li b'ħasra, f'Malta bilkemm jissemma'. Iżda Saliba hu wieħed mill-aktar ilħna importanti tal-poeżija Maltija f'dan il-kontinent. Ix-xogħol tiegħu hu superjuri f'kull sens: kunċettwalment, stilistikament u teknikament.

Beda fuq linja klassika (u kien ġie Malta fl-1966 biex jippubblika l-ewwel ktieb tiegħu, *Ilħna tar-Rebbiegħa*. Dun Karm kien il-mudell klassiku tiegħu, imma fejn jidħlu s-sentimenti, kien bil-wisq aktar qrib ta' Karmenu Vassallo. Fl-Awstralja, fejn Saliba wasal fl-1959 wara snin bħala għalliem tal-emerġenza f'Malta, sħabu tal-Grupp Letterarju Malti (illum tista' tgħid li mejjet) kienu jqisuh bħala l-konsulent kritiku tagħhom. L-aħħar poeżiji tiegħu dehru f'antoloġija qasira (*Oċegħanja*) fl-2001, flimkien ma' tliet awturi oħra MaltAwstraljani). Mill-klassiku Saliba għadda għall-idjoma moderna u fittex direzzjonijiet ġodda anke reliġjożament, meta warrab il-Kattoliċiżmu u ngħaqad ma' grupp alternattiv Kristjan, li hu qiesu bħala aktar awtentiku u aktar relevanti.

Saliba kien miżżewweġ lil Silvia Harris, li lilha ddedika wħud mill-isbaħ lirika tiegħu.

Ikun tassew għajb jekk Joe Saliba ma jsibx postu fit-tapezzerija tal-poeżija Maltija tat-tieni nofs tas-seklu li għadda.

*Joe Saliba twieled Birkirkara fis-26 ta' Jannar 1941 u miet fit-18 ta' Settembru 2013.*

***Għal intervista ma' Joe Saliba, ara:***
**http://patrickjsammut.blogspot.com.mt/2008/08/joe-saliba-poeta-malti-fl-awstralja.html**

## ĠIMGĦA L-ISPTAR

Dak ta' quddiemi - l-Grieg - fetaħ l-arkivji
tal-mard li kellu f'ħajtu mal-iżbalji
tal-tobba (kif qal hu) li ħallewh mgħaxxex,
b'sidru ssikkat u mġebbed bħat-takkalji.

L-armla ta' ħdejja tkellmet fuq żgħożitha
mikula sħiħ bid-drogi u l-infezzjoni
li ġabitha l-isptar tliet ġimgħat ilu...
Qaltilna wkoll x'tħobb taqra... X'konfużjoni!

In-ners hi u tindokrana ngħaqdet magħna
għax ratna interessati lkoll w attenti;
hi qalet tagħha u stqarret l-esperjenzi
li kellha ġo kull sptar qalb il-pazjenti.

U magħhom jiena wkoll nhewden imnikket...
għax għalija...

L-għanqud tal-għeneb nixef
u d-dielja bdiet titbiel;
kull ilsien ilma mtajjar
daħal f'qoxortu u miel.

Minn ras l-għoljiet sal-wita
ħġejjeġ kbar ta' nirien
qabdu u tferrxu f'daqqa...
bħal vampa kullimkien.

It-tfal fil-bitħa twerwru
maħkuma min ċiklun
li ġie fuqhom bħal barri
w għamel kollox deffun.

L-għorrief waqgħu bħal borra
f'livell tan-nies tat-triq,

u nbidlu f'ħaġa waħda,
ballun mogħti bis-sieq.

M'għandniex għalfejn niftiehmu
għax l'għedna ġie fix-xejn,
tabakk maħruq ġo jdejna,
kesħa fuq ix-xofftejn.

Bejn sema w art ninsabu
fuq baħar wiesgħa u griż,
nixxennqu għal kulma tlifna
li kien maħbub w għażiż.

Jew ġewwa sqaq inkunu
nistaqsu l-għala u l-kif,
meta, sa fejn... Il-mirja
għandhom bżonn it-tindif!

L-għasfur fuq spallti nħasad
kif kanta għax waqa' s-skiet
madwaru waqt li l-ġwienaħ
tfarfrulu u sar irmied.

Barrejna 'l dak ta' ġewwa
u eżiljajna l-qrib,
ħraqnielu kulma kiteb.
Minn fommi dat-tikrib.

X'jien ngħid, noħlom u nhewden,
imnikket hekk kif jien?!
Jeħtieġli nqum fuq tiegħi
u ma nibqax ħosbien.

Għalhekk...
Biex nibdel das-suġġett fid-diskursata
jien qbadt temi ta' ferħ: letteratura,
storja, filosofija, mużka w arti,
sa ma żerżaqt kelmtejn fuq l-Iskrittura.

Issa dieħel il-lejl... biex forsi f'ħolma,
b'għajnejna għajjiena b'ġebel inviżibbli,
inqattgħu l-almanakk ta' futur kiefer
u floku t-tama ta' fejqan tanġibbli.

**JOE SALIBA, 19.1.2013**
**RESPIRATORY UNIT, AUSTIN HOSPITAL,**
**HEIDELBERG, VICTORIA, AUSTRALIA**

## JINQERDU DAWK LI QED JEQIRDU D-DINJA

Dal-lejl ma nistax norqod
u moħħi m'għandux kwiet;
inħossni qiegħed negħreq
f'baħar ta' ħsibijiet.

Id-dlam iġibli xeni
ta' wġigħ u ta' tbatija,
ta' qtil, imrar u diqa,
ta' jasar u kefrija.

Jurini met' għal sufhom
biċċirna 'l-foki ż-żgħar...
Baxx baxx ġellidna 's-sriedaq
b'difrejhom jarmu x-xrar...

Qtilna liż-żwiemel jogħtru
jo' mweġġgħa tat-tiġrija...
ħallejna f'nofs l-arena
lill-barri agunija...

U nfidna l-ors bil-moħbi
bil-ħoloq ġo mnifsejh
u kaxkarnieh bil-ktajjen...
aċċjomu nħarsu lejh...

O lejl, żammejtni mqajjem
nhewden kif lill-ħolqien
ma ħarisniehx bil-għaqal
u sħetna kullimkien.

Iċċaqċaq iċ-ċanfira
tal-ħlejjaq imħarbtin
li bl-aħrax qed jixluna
b'ħatjin, ħatjin, ħatjin!

U jkollna nħallsu d-danni
talli l-ambjent kasbarna,
u ninsġu l-għajb f'kuruna
tax-xewk għal fuq qabarna.

**JOE SALIBA**
**28.5.1999**

# ŻEWĠ POEŻIJI F'KONFRONT

## F'ĦAĠAR QIM

Qamar ta' Mejju, tgħid 'il ħadd il-lejla
għala ġejt waħdi f'dan l-imkien ħemdieni;
irrid f'dal-maqdes għal ftit ngħix ta' Malta
mal-ġens ewlieni.

Mur, qamar twajjeb, mur ħallini waħdi,
ninsa lid-dinja, lill-bnedmin, ġrajjieti,
irrid nintilef fil-jiem sbieħ li taru
bi ħsebijieti.

Iskot, hawn huma, qed joqorbu, dieħla
it-tfajliet somor, qalb l-għajat u l-għana,
kemm kemm mistura, u bla ħżiem xuxithom,
miexja daħkana.

Waqfu; mill-midbaħ tielgħa daħna kbira,
tferrex mal-maqdes qatgħa sħab sewdiena,
it-tfajliet waqgħu wiċċhom fl-art jixehru,
jittallbu l-ħniena.

Tbexxqet purtiera; minn ġod-dħaħen ħarġu
tnejn lebsin b'ħafna deh'b fuq rashom,
tlellix ta' ġmiemem, rand u liedna friska
tħaddar ma' ngħashom.

Refgħu dirgħajhom, b'leħen qawwi għajtu:
"Żgħażagħ, itolbu hawn, isahru magħna,
lill-allat sebbħu, għall-ħelsien u r-rebħa
ta' Malta Tagħna."

It-tfajliet qamu, b'ilħna sbieħ bdew jgħannu:
"Tinżel fuq artna tal-allat kull barka,
tilħaq lill-għadu, illi ġej jirkibha,
il-mewt u l-għarqa."

Qamar ta' Mejju, la tħarisx bil-ħniena
fuq din iż-żifna minn ta' ħsebijieti.
Din ma hix ħolma, din għexuha kollha
missirijieti.

Għalhekk, ja maqdes, illi għadek fostna
tfakkar l-imħabba u l-ġrajjiet ta' jiemek,
inħoss xi jġagħ'lni għarkubbtejja b'qima
ninżel quddiemek.

Daqs San Lawrenz u daqs Sant'Anġlu ngħożżok,
għalkemm imħandeb qalb sisien u tliegħi,
għax rajt il-ħalfa, rajt it-talb għar-rebħa
ta' Malta tiegħi.

**ĠORĠ PISANI**

## ĦOLMA FIL-ĠEBEL

Ħaġar Qim,
kienet l-imħabba
li tatna s-saħħa
nġorru dal-ġebel 'l hawn,
iħarsu lejn Filfla -
tempju mfassal min-natura nfisha.
Kienet l-imħabba li nebbħitna
ntellgħu din l-arkitettura sagra,
issellem it-tgħanniqa tal-baħar.

Il-galassja tagħna qed tispiralla.
Iċ-ċelluli ġenetiċi tagħna qed jispirallaw.
Fuq il-ġebel illixxat tal-ħaġar
naqqaxna l-ispiralli
biex nesprimu r-rabta tagħna mal-kożmos.
Ħolm antik maqlub għall-forom artistiċi
għadu jixhed id-dehra divina
li aħna fil-qedem ħassejna flimkien.

L-għeruq tagħna mad-dinja u s-sema ħajjin,
poġġejna l-ġebel kbir u l-altari
f'għamla ta' labirint,
biex juru l-għanqbuta bla heda tal-għajxien
u l-vjaġġ ġewwieni tar-ruħ.
Poġġejna l-ġebel kbir, l-altari, l-istatwetti,
ikkurdati mal-forzi manjetiċi tad-dinja,
allineati mat-toroq għalliema tal-kwiekeb.

Ħaġar Qim,
il-wirt metafiżiku tagħna għadu hawn;
legat ta' ġometrija sagra, skultura animata,
li jħallulna verità
li s-seklu tagħna għadu m'għarafx sewwa.

**MARLENE SALIBA**

## *F'ĦAĠAR QIM* ta' Ġorġ Pisani u *ĦOLMA FIL-ĠEBEL* ta' Marlene Saliba

**żewġ poeżiji li jfakkru li aħna qabel kollox poplu li jemmen.**

**Kitba ta' Patrick Sammut**

Il-poeżiji *F'Ħaġar Qim* ta' Ġorġ Pisani u *Ħolma fil-Ġebel* ta' Marlene Saliba għandhom mill-inqas 50 sena li jifirduhom. Dik ta' Pisani nkitbet fl-1933, is-sena meta rebħet il-kompetizzjoni annwali tal-"Pronostku Malti". Min-naħa l-oħra l-poeżija ta' Marlene Saliba nkitbet lejn l-aħħar parti tas-seklu 20. It-tnejn li huma jiġu ispirati minn dan il-maqdes taż-żmien bikri, bini li ħallewlna l-ewwel Maltin li għexu fuq dawn il-gżejjer, missirijietna, jew kif jgħid Ġorġ Pisani stess, il-"ġens ewlieni".

Il-poeta Għawdxi jagħżel li jagħti lill-poeżija tiegħu l-forma tas-saffika klassika, mela juża għaxar kwartini bir-rima mqabbża, b'kull strofa magħmula minn tliet endekasillabi u kwinarju. Marlene Saliba tintrabat mal-poeżija moderna u taqsam il-poeżija tagħha f'erba' strofi ta' tulijiet differenti, magħmulin mill-vers ħieles. Ma ninsewx li Pisani kiteb il-poeżija tiegħu fl-aqwa tal-Kwistjoni tal-Lingwa li ħakmet l-ewwel parti tal-ewwel nofs tas-seklu 20. Mela mhux ta' b'xejn li l-għażla lessikali hija waħda fejn jaħkem ferm il-Malti safi, mela dak Semitiku. Min-naħa l-oħra, lessikalment Saliba tuża doża qawwija ta' kliem ġej direttament mir-Romanz bħal "tempju" (minflok "maqdes"), "arkitettura sagra", "galassja", "tispiralla", "ċelluli ġenetiċi", "kożmos", "altari" (minflok "midbaħ"), "labirint", "ikkurdati", "forom manjetiċi", "legat", "ġometrija sagra", u oħrajn. Dawn jixhdu l-iżvlupp li għadda minnu l-Malti bħala lsien matul dawn l-aħħar snin, minn mindu sar ilsien nazzjonali u uffiċjali fl-1934, u minn mindu Malta saret Indipendenti (1964) u fetħet il-bibien tagħha għal influwenzi minn popli, ilsna u kulturi differenti bla ostakli ta' xejn.

Dejjem fil-poeżija ta' Marlene Saliba naraw fuq naħa din l-influwenza tad-dinja moderna permezz ta' kliem li jirrifletti anki sejbiet u teknoloġiji moderni, imma fuq in-naħa l-oħra hemm din l-"arkitettura sagra", dan il-"legat ta' ġometrija sagra, skultura animata", dan il-"wirt metafiżiku", mela Ħaġar Qim, li jorbotna mal-ibgħad żminijiet. Saliba tfakkarna, permezz ta' Ħaġar Qim, li ċ-"ċelluli ġenetiċi tagħna qed jispirallaw", mela qed joħduna lura fiż-żmien meta l-maqdes kien jimtela bi "tfajliet somor" jittalbu l-ħniena tal-allat pagani biex ibiegħdu lill-għadu mill-gżejjer Maltin. Hekk jikteb Pisani:

> **"Żgħażagħ, itolbu hawn, isahru magħna,**
> **lill-allat sebbħu, għall-ħelsien u r-rebħa**
> **ta' Malta tagħna."**

Saliba, min-naħa tagħha, f'*Ħolma fil-Ġebel* tikteb li dan hu bini speċjali li permezz tiegħu "nesprimu r-rabta tagħna mal-kożmos" u li "jixhed id-dehra divina/ li aħna fil-qedem ħassejna flimkien." Tgħid ukoll li missirijietna taż-żmien bikri poġġew il-"ġebel kbir u l-altari/ f'għamla ta' labirint,/ biex juru l-għanqbuta bla heda tal-għajxien/ u l-vjaġġ ġewwieni tar-ruħ." Mela dan huwa bini li fiċ-ċokon tagħna bħala bnedmin jorbotna mal-kobor li hemm lil hinn mid-dinja tagħna, kobor li jgħaqqadna mas-"sema", mal-"galassja", u "mat-toroq għalliema tal-kwiekeb." Ħaġar Qim bħal ifakkarna li ġewwa l-bniedem hemm essenza li għandha minn dan il-kobor minkejja li tinsab mistura fiċ-ċokon tiegħu, ir-ruħ.

Ix-xbieha tal-ispiralli, dawk l-immaġni li nsibu mnaqqxin fuq il-ħaġar ta' dawn l-imqades preistoriċi u li jfakkruna fl-eternità jew f'kif illum jiġu rappreżentati l-galassji li naraw permezz tat-teleskopji ġganteski li tuża x-xjenza l-aktar avvanzata, taħkem fil-poeżija ta' Saliba. L-ispirall għandu punt tal-bidu u punt tat-tmiem, għalkemm dawn mhumiex definiti sal-aħħar; din l-ixbieha bħal torbot flimkien il-punt tat-tluq, mela l-"ġens ewlieni" li dwaru jikteb Pisani, mal-Maltin tal-preżent, dawk li għadhom ma għarfux il-"verità" li ħallewlna missirijietna. Saliba bħal tikxef verità jew dgħjufija tal-bniedem modern, minkejja l-progress xjentifiku li għamel, "verità/ li s-seklu tagħna għadu m'għarafx sewwa." Liema hija din il-verità? Tista' tkun il-fatt li

minkejja l-progress li għamilna anki bħala poplu Malti, minkejja li llum niftaħru li mxejna ħafna 'l quddiem tant li bosta minna qed jaslu biex jiċħdu l-għeruq tagħhom u jum wara jum nitbiegħdu dejjem iktar mit-talb u mit-twemmin tagħna, xorta waħda għad irridu nagħrfu li dan it-twemmin fl-allat, fil-metafiżiku, fl-ispiritwali, f'Alla, huwa parti mid-DNA tagħna bħala poplu. Dan ma nistgħux niċħduh, ma nistgħux naħarbu minnu.

L-istess Pisani fl-aħħar strofa ta' *F'Ħaġar Qim* bħal jorbot flimkien il-Maltin li emmnu fi żmien il-preistorja mal-Maltin li emmnu fl-epoka Kristjana, permezz tal-vers, "Daqs San Lawrenz u daqs Sant'Anġlu ngħożżok". Fi kliem Pisani u Saliba dan hu wirt li għandna ngħożżu.

Lura għall-ixbieha tal-ispiralli: bejn il-bidu u t-tmiem, l-alfa u l-omega, hemm sensiela ta' tiġrib kollettiv jew ġrajjiet storiċi li minnhom għadda l-poplu Malti u li matulhom wera kemm twemminu fil-metafiżiku kien b'saħħtu. Huma ġrajjiet li jibdew mill-preistorja stess, meta spiss il-gżejjer Maltin kienu mhedda mill-għadu li kien jattakka mill-baħar, u jkomplu fiż-żmien; ġrajjiet li naqraw dwarhom anki fil-poeżija Maltija bħall-wasla ta' San Pawl f'Malta, inżul il-Konti Ruġġieru, l-Assedju l-Kbir, it-tluq tal-Franċiżi telliefa, it-Tieni Gwerra Dinjija, u l-jum meta waqfu l-attakki mill-ajru min-naħa tal-bumbardiera Nażisti. L-ixbiha tal-ispiralli tfakkarna li minkejja s-sekli twal li jifirdu l-Maltin tal-preistorja mill-Maltin tal-preżent, nibqgħu poplu wieħed, poplu li għex id f'id ma' twemminu, poplu li għex fuq gżejjer żgħar imdawrin mill-baħar li serva kemm ta' ħabib kif ukoll ta' għadu, poplu li matul dan iż-żmien twil bena l-imqades tiegħu, is-swar u l-fortizzi, il-ħitan tas-sejjieħ, il-giren, il-kappelli u l-knejjes, l-istess djar tiegħu bil-ġebla Maltija, u saħansitra ħaffer kurituri twal fiha biex jipproteġi lilu nnifsu kontra l-attakki mill-ajru. Għalhekk Pisani quddiem dan il-bini jikteb:

> **"Għalhekk, ja maqdes, illi għadek fostna**
> **tfakkar l-imħabba u l-ġrajjiet ta' jiemek,**
> **inħoss xi jġagħ'lni għarkubbtejja b'qima**
> **ninżel quddiemek."**

Verità oħra hija li Ħaġar Qim hija binja li torbot iċ-ċokon mal-kobor bla limiti. Fuq naħa hemm aħna l-Maltin li nabitaw gżejjer mill-iċken fuq wiċċ id-dinja; fuq in-naħa l-oħra hemm il-"galassja" u l-"kożmos" infiniti. Mela Ħaġar Qim iservi bħala pont bejnna l-Maltin bħal poplu li jemmen fil-metafiżiku u l-forzi spiritwali li jmorru lil hinn minn dak li huwa limitat u finit. Hemm bħal pont bejn Malta u l-bqija tad-dinja, u bejn id-dinja u dak kollu li jmur lil hinn minnha. Hekk tikteb Saliba:

> **"Poġġejna l-ġebel kbir, l-altari, l-istatwi,**
> **ikkurdati mal-forom manjetiċi tad-dinja,**
> **allineati mat-toroq għalliema tal-kwiekeb."**

*F'Ħaġar Qim* ta' Ġorġ Pisani u *Ħolma fil-Ġebel* ta' Marlene Saliba huma żewġ poeżiji li għandhom profondità ta' ħsieb u anki messaġġ attwali għall-aħħar. Huma prova li anki l-poeta u l-poeżija għandhom bosta xi jgħidu u huma mgħobbijin b'validità u b'verità li tgħajjat bla ma aħna bosta drabi nagħtu kashom. Kumment personali u finali: f'dawn iż-żminijiet ta' piki politiċi ma ninsewx min aħna realment. Qabel kollox aħna poplu li matul iż-żminijiet tqabadna biex neħilsu mit-theddida u mill-jasar tal-barrani. Aħna poplu li f'waqtiet diffiċli ma stħajniex nirrikorru għal twemmina. Dan huwa żmien fejn m'għandniex ninħakmu minn firdiet fiergħa, imma żmien li fih għandna niftakru fuq kollox f'dak li jgħaqqadna: poplu ċkejken, imma poplu bi twemmin wieħed li għalkemm xi ftit rieqed jew biered, hemm qiegħed!





# IRENE NEMIROVSK

**Kitba ta' Mary Chetcuti**

Għadni kemm qrajt ktieb li ma xtaqtux jispiċċa. *Suite Francaise* huwa rakkont li jieħdok lura għall-bidu tas-snin erbgħin meta t-truppi tar-Reġim Nażista okkupaw Franza. Il-ġrajja tagħti stampa reali ta' Franża u l-Franċiżi waqt l-okkupazzjoni; poplu mirbuħ u maħkum iżda wkoll kollaboratur u ribelluż.

Staqsejt lili nnifsi kif setgħet awtriċi mhux Franċiża tkun daqshekk midħla u intima mal-karattru Franċiż u ma' mġibtu matul dan il-perjodu ikrah fl-istorja, u sibt it-tweġiba fi ġrajja straordinarja u drammatika ta' mara maqbuda fil-kurrenti tempestużi ta' tnejn mill-aktar avvenimenti turbulenti tal-istorja moderna; ir-Rivoluzzjoni Russa u t-Tieni Gwerra Dinija.

Irene Nemirovsky twieldet fl-1903 ġewwa Kiev, l-Ukranja, li dak iż-żmien kienet parti mill-Imperu Russu. Ma kellhiex ħutha u kienet tadurah lil missierha Leon, bankier Lhudi. Ommha Fanny, mara sabiħa u egoċentrika, qatt m'aċċettat it-twelid ta' bintha u għaldaqstant Irene kellha tfulija infeliċi u solitarja. L-uniċi ħbieb tagħha kienu l-kotba, li qatt ma kellha xaba' minnhom.

Ta' erbatax-il sena, Irene bdiet tiżviluppa talent għall-kitba u ħolqot metodu għaliha fejn kienet timla paġna wara paġna b'notamenti fuq karattri u ċirkustanzi ivvintati biex imbagħad tislet minnhom l-istorja li jkollha f'moħħha; kienet ispirat ruħha mill-kittieb kbir Russu, Ivan Turgenev. Kellha wkoll imħabba kbira għax-xogħol tal-kittieb u poeta Oscar Wilde.

Meta f'Ottubru 1917 faqqgħet ir-Rivoluzzjoni Bolxevista, il-familja Nemirovsky abbandunaw id-dar lussuża ta' San Pitruburgu u marret Moska biex titbiegħed mill-ġlied. Kienet deċizjoni ħażina peress li l-qiegħa f'Moska kienet ħafna iktar vjolenti. Wara ftit ġimgħat irritornaw lejn San Pitruburgu iżda f'Diċembru kellhom jaħarbu lejn il-Fillandja u ħallew ir-Russja darba għal dejjem meta l-Pulizija Bolxevista ħarġet mandat ta' arrest kontra missier Irene. Għexu għal ftit żmien fl-Iżvezja u fl-1919 qabdu bastiment biex, wara vjaġġ ta' għaxart ijiem f'maltemp ma jaqta' xejn, waslu Franza. Missierha ħa f'idejh it-tmexxija ta' fergħa tal-bank tiegħu stess ġewwa Pariġi u l-familja kompliet tgħix il-ħajja komda li ħalliet warajha fir-Russja.

Iż-żagħżugħa Irene iggradwat fil-letteratura mill-Università ta' Sorbonne u fl-1927 ippubblikat novella qasira, *L-Enfant Genial*. Fl-istess żmien, iltaqgħet ma' Michel Epstein, żagħżugħ iggradwat fl-inġinerija mill-Università ta' San Pitruburgu u immigrant tar-rivoluzzjoni bħalha. L-imħabba għal Michel poġġiet lil Irene fuq saqajha u abbandunat il-ħajja ta' xalar bla rażan li kienet qed tgħix.

F'kemm trodd salib iżżewġu u fl-1929 kellhom l-ewwel tarbija, Denise. F'dik is-sena Irene lestiet l-ewwel ktieb tagħha *David Golder*, storja li tant għamlet suċċess li ġiet adattata għaċ-ċinema. Sal-1937, Irene kellha t-tieni wild tagħha Elisabeth u kitbet disa' kotba oħra. Kienu familja magħquda u ma jonqoshom xejn.

Madankollu, taqlib ġdid fl-Ewropa beda jinkwetahom. Irene intebħet li jekk il-vjolenza li kienet qed isseħħ kontra l-komunità Lhudija fil-Ġermanja tasal Franza, hi u l-familja tagħha kienu sa jsibu ruħhom fl-inkwiet. Għalkemm qatt ma ħassitha Lhudija u qatt ma ħaddnet il-fidi Ebrajka, Irene beżgħet u riedet tipproteġi lil uliedha mill-qilla anti-semitika.

Fi Frar tal-1939, Michel, Irene u wliedhom Denise u Elisabeth għamlu magħmudija kollettiva u saru membri tal-Knisja Kattolika; xorta waħda baqa' l-fatt li hi u żewġha ma kellhomx ċittadinanza Franċiża. Familji Lhud fi Franza bdew jikkonvertu għall-fidi Kristjana bit-tama li jaħarbu minn persekuzzjoni kontrihom; sfortunatament il-fatti wrew mod ieħor.




F'Settembru l-Ġermanja ddikkjarat gwerra kontra Franza. Irene u żewġha parpru lil uliedhom flimkien mal-governanti Cecile Michaud, lejn ir-raħal ta' Saone-et-Loire, fejn laqgħathom għandha omm Cecile. Fl-1940, it-truppi Nażisti ħatfu Pariġi, u Irene u Michel abbandunaw darhom u ħarbu lejn ir-raħal fejn kienu wliedhom. Ftit ftit, Franza kollha ġiet okkupata.

L-ewwel liġi razzjali daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 1940 u tefgħet lil-Lhud kollha fil-mira tal-awtoritajiet Ġermaniżi u Franċiżi. Michel tkeċċa mill-bank fejn kien jaħdem filwaqt li Irene ma setgħet tippubblika xogħlha mkien. Iddaħħlu aktar liġijiet razzjali u minn Ġunju 1941 kull persuna Lhudija setgħet tinżamm arrestata f'darha jew saħansitra tiġi deportata u internata f'kampijiet tal-konċentrament b'xogħol iebes jew agħar.

Fl-1942, Irene Nemirovsky bdiet tikteb il-ktieb *Suite Francaise*. Il-karattri konfliġġenti f'dan il-ktieb tawha l-vuċi biex tixli lill-poplu Franċiż bi dgħufija, biża', aċċettazzjoni tal-umiljazzjoni, indifferenza u kollaborazzjoni fil-persekuzzjoni razzjali. Irene kienet taf sew x'kien qed jiġri madwarha; mhux ta' b'xejn qalbha bdiet teħbirha li sa tmut qabel tara lil uliedha jsiru adulti jew saħansitra qabel tlesti dan ir-rumanz li kellha f'idejha.

Fit-13 ta' Lulju 1942, il-pulizija Franċiża arrestat lil Irene Nemirovsky minn darha. Erbat ijiem wara, Irene ġiet deportata lejn il-kamp ta' Auschwitz. Kien għalxejn li żewġha kiteb lill-Marixxall ta' Franza Petain, jitolbu biex jitħalla jibdel postu ma' martu minħabba li saħħitha kienet fraġli u tbati bl-ażma. Konsegwenza tal-kundizzjonijiet atroċi li nżammet fihom, Irene mietet xahar wara. Fis-6 ta' Novembru 1942, Michel Epstein ġie arrestat ukoll u ttieħed dritt għall-kmamar tal-gass f'Auschwitz.

Il-pulizija Franċiża kompliet tgħarrex għaż-żewġ uliedhom żgħar biex tiddeportahom lejn il-kamp tal-mewt bħall-ġenituri tagħhom. Denise u Elisabeth kienu xxurtjati biżżejjed li kienu mal-governanti Franċiża Cecile, li baqgħet taħbihom minn raħal għall-ieħor sa tmiem il-gwerra. Magħhom kienu dejjem iġorru bagalja bl-affarijiet t'ommhom, fosthom il-manuskritt u notamenti tar-rumanz *Suite Francaise*.

Erbgħa u sittin sena wara l-mewt ta' Irene Nemirovsky, *Suite Francaise* ġie ppubblikat u sar kapolavur. Editriċi qalet fuqu: "Finalment nistgħu naqraw l-aħħar xogħol ta' kittieba li poġġiet mera quddiem Franza waqt l-iktar siegħa mdallma tagħha."



**AUSCHWITZ**

Mingħajr vokabolarju
ngħixuh dan il-kalvarju

bis-skiet jinborġa l-menti,
ifur f'sidirna w jhedded
li jifqa' l-pedamenti

bl-għajnejn miftuħa abbiss
taħt sema jħares biss

bid-dmugħ m'għadux ifur,
bid-dmugħ jinxef mistur.

**JOE P. GALEA**
**(minn *Dija*, 2011)**

**MARE MAGNUM**

Ileħħu mwieġ il-baħar, qliel,
fuq blat jikwi b'qillet ix-xemx.
F'nixxiegħa ħassiela,
id-dmugħ iġelben,
u jofroq raddiet twal fondi
minquxa fil-ħodon
ta' wiċċ iebes żonqor.

Inxtorob lura l-baħar felħan
fi ħdan l-oċean.

**CHARLÒ CAMILLERI**
**(minn *Tatwaġġi*, Horizons 2016)**

**RUĦI FIL-KELMA**

Xħin ruħi tmut u surti tbiddel lewnha
insib il-kelma li tleffifni b'dija,
u nieħu l-ħajja biex triqati nterraq
nogħxa fl-għejun li jgelglu f'poeżija.

Fil-kelma nsib ir-ruħ,
f'nisġet il-poeżija:
qatr'għasel fuq ilsieni,
f'demmi anestesija.

**JESMOND SHARPLES**
**(minn *il-qtar li nħobb*, Horizons, 2016)**

**WAQTIET...**

Waqtiet
meta l-angst jagħmel bija
kif kapott ileffek fih,
inħossni nogħdos
bħal missila aċiduża
li b'imneħirha dirett lejn l-art,
arbitrarja,
taqta' l-kundanna
tal-ibliet imtaħħta

...u ntiegħem l-aspru
tal-pirmla li teħel
mas-saqaf tal-ħalq,
il-qrusa tkemmex
tal-inbid  żvintat.

**THERESE PACE**

**MARTIRJU**

Mulej…
Inti taf li ili tletin sena
maqful fil-ħabs ta' ġbini.
Mulej…
inti taf kollox
kull rokna mistura ta' ruħi
titbandal ġol-għeja
ta' moħħi.
Mulej…
inti taf li din hi farsa ċinika
u traġedja
li aħjar tispiċċa.
Qarribli l-mewt Mulejja
qabel ma l-kamra ż-żgħira tidfinni ħaj,
aqtagħli nifsi,
iżda ħalli tmiemi
jkun mogħni bil-ferħ
ta' martirju
ta' tletin sena sħaħ
hemm fuq salibek.

**CARMEL ATTARD**
**22/11/1981**
**(minn *...maqful fil-ħabs ta' ġbini...*, ta' Paul P. Borg, Horizons, 2014)**

## ĦRAR

F'xita tal-ħamrija
wara ħġieġa mtappna,
fi sħaba daħna tas-sigaretti,
tidher mara f'siġġu jitbandal
tqaxxar il-minuti felli felli,
tgiddem id-dwiefer f'nofs qamar,
tisma' kant gregorjan,
tistenna t-tielet siegħa
ttambar f'qalb ċuqlajta
li donnha ma tridx tieqaf.
Titriegħed bis-siringa,
idha mgħaffsa b'ċinga
qed tisgħol f'dik id-daħna
li qed nibilgħu aħna.

**AMANDA BUSUTTIL**

## BRIVIDU

fuq ħġieġa mtappna
bin-nida t'għodwet frar
il-mara separata
pinġiet nofs qalb
u ħdejha tlett itfal

bid-dmugħ li bewlu għajnejha
pinġiet nofs qalb
u ħdejha kuruna tax-xewk
stallett ġej għall-ponta
li ħassitu jinfidha
u tnisslet fiha diqa tal-biża'
li ġriet ma' ġisimha
u taħt difrejha ħassitha taħkimha

**MARIO ATTARD**

## MADWARU

Hemm kienu, jiġġieldu, iħambqu
dwar min se jieħu l-flus, l-oġġett,
madwaru, kien għadu kif telaq,
kultant joffenduh b'mod dirett

Kien għadu lanqas biss kesaħ,
kemm waqfet tħabbat il-qalb,
kemm in-nifs waqaf jittieħed,
flok kienu qed jgħidu t-talb

Bla xejn suduzzjoni, mistħija
lejn il-katavru madwarhom mistrieħ
L-ulied jilletikaw hemm bejniethom,
b'missierhom ġdid mal-erwieħ

Kienu ilhom ma jkunu qaqoċċa
biex lilu jaraw jew ikellmuh
Illum ġew hemm, ħdejh katavru
biex ġidu jaraw kif jaqsmuh

Kif n-nies ġew u tawhom l-għomor,
lagħbu l-parti eżatt, tal-iltiema
d-dmugħ ġelben  ma' wiċċhom
b'ħarsithom mqita ġġiblek ħniena

u l-ħarsa ta' ħniena reġgħet dehret
u l-biki kien wieħed mill-kbar
hekk kif bla mistenni quddiemhom
tfaċċa jaqra testment in-nutar

**KEVIN TANTI**
**(Facebook Page: Kitbieti)**

## WARDA

Bħall-warda mhemmx, fil-ħolqien kollu,
ta' ġmiel ma jinsebaqx;
ta' simmetrija, fwieħa, lwien;
asaħħha ma jixraqx.

L-għasfur jgħanni, wisq ferħan;
in-naħla tħuf u ddakkar.
Daqs fjura l-ebda moħħ għatxan
ma jongħos, ma jissâkar.

Allat lubiena jissajjaw,
tan-ninfi l-ġmiel iseddqu.
Il-għaxqa tan-natura daw';
'il kull madwar isebbħu.

**RIGU BOVINGDON**

## ĦSIBIJIET

Sinfonija,
diwi l-ewwel bikja,
ta' binti tarbija.

**CHARLES MIFSUD**

## KIF QOMT DALGĦODU

Tingiż ġo dahri
u ħruq f'għajnejja
il-brim ġo żaqqi
tisfir f'widnejja

Tnabar ġo rasi
xewk fi griżmejja
labar f'saqajja
tnemnim f'idejja

Sadid fl-għakiesi
u ġbid fil-pxiexel
il-ħakk ġo rasi
bl-għeruq u x-xniexel

Tifrik galletti
fil-ġewża t'għonqi
ċaqċiq ċuqlajta
l-irkiekel f'dahri

Tqanqil fil-menti
fiduċja f'talbi
serħan ġo moħħi
u l-paċi f'qalbi

**NAZZARENE ZERAFA**
**(Brisbane)**

## PERĊEZZJONI

Rajt wiċċek miġbud,
u ħsibt l'int supperv.
... Ma fhimtx li kont mikdud.

Smajtek titkellem,
u kliemek kien maħtuf.
... Seta' nifsek kien maqtugħ.

Għamiltek bla kultura,
għax hekk bixritek tatni l-impressjoni
meta l-intellett tiegħek kien mod ieħor.

Pinġejtek kif stħajjiltek tkum impinġi,
mingħajr ma qist li m'għandi ebda dritt
nagħmel ġudizzju jew tikketta fuqek.
Kemm niżbalja malajr meta
perċezzjoni nagħmilha mingħajr ħsieb
... Għax hekk deherli, għax hekk ħsibt!

**SALV SAMMUT**
**(minn *Tħarbix*, 2013)**

## ŻEWĠ RITRATTI

Żewġ ritratti jħarsu lejja,
bla ma jlissnu kelma biss
sadattant volumi jgħidu
u lil qalbi jaqsmu fis.

Dak li tajtni int snin ilu,
ta' żagħżugħ fl-aħjar tal-ħajja;
ieħor mhux li jixbhu bosta,
kont għaddejt minn bosta ġrajja.

Kemm qed ngħożżhom dar-ritratti,
aktar hawn jien ma nsibekx,
għax it-tieni wieħed jgħidli
li int magħna ma għadekx.

**LINA BROCKDORFF**

## U BDEJNA NITHENNEW

U bdejna nithennew xħin bdejna ngħibu
bħan-nida li filgħodu tisparixxi
bħal meta x-xemx tinħeba wara l-kwinti
ta' sħab mimli kubrit, taħt sema mdendel.
U bdejna nfittxu x'hemm bejn sema u ilma,
lil hinn mit-truf tal-art, fejn hemm sies jaqta',
fejn stajna lkoll ninħbew u nibqgħu nidhru
u nfittxu dak li kien quddiem għajnejna
u ma nsibuhx: tfixkilna dinja b'oħra.
U sibna wkoll li fost id-dwejjaq jgħumu
fuq wiċċ il-baħar ikħal dejjem jiżfen,
kien hemm żubrun mitluf li qatt ma jegħreq.

Għaddejna wkoll mit-test tat-trasparenza!

**ALFRED GRECH**

**THE BOY WITH NO NAME**

I can still  hear the boy crying.
His tears echoing in the waves.

He once had a dream of a new life.
In a new land, away from gunshots and desperate screams.

His mother tells him they will be on a long journey
There are tears in her eyes.

He cannot understand why, but joins the other immigrants.
Behind the horizon lies his dream, the new earth.

I can still  hear the waves, as the silent stars watch over them.
More and more waves.
One after the other they appear, untill they swallow them all.
Leaving no time to cry, to hold on to life, to hope.

And all  fades in the blanket of sea.

A day dawns and all dreams perish.
The boy is now lying on sands,  his soul has left him.

Now I write a poem for him.
But he he will never read it.
The boy with no name.

**MARY ANNE ZAMMIT**

**IL-KARBA TAŻ-ŻNUBER**

X'qatt għamiltlek biex dejjaqtek?
X'qatt għamiltlek jien ħlief ġid?
Qatt kont taf jien kemm rejjaqtek,
b'dak l-ossiġnu li tant trid?

Naħseb taf li jien delliltek
meta x-xemx qliet kullimkien
u b'xuxiti jien kennintlek
ħafna ħlejjaq tul iż-żmien.

Fuq iz-zokk flimkien mal-friegħi
ġew l-għasafar għall-mistrieħ
bejtiet għamlu, rabtu miegħi
jafu jien kemm nilqa' r-riħ.

U b'għeruqi t-torba żammet
meta l-wied bix-xita far,
l-ilma użajtu, jien saqqejt
biex l-Imgiebaħ dejjem ħdar.

La il-Mislem, la il-Franċiż
l-ebda flien t'Invażur.
La it-Taljan, la il-Ġermaniż
ħadd m'għamilli l-ebda ksur.

Imbagħad ġejt inti Malti bħali,
min jaf għala lili ħraqt?
Malta kollha mtliet bil-għali
teżor ieħor 'il din l-art sraqt.

X'qatt għamiltlek, rajtni żejda?
Tħossok issa iktar ferħan?
Taħseb li xogħlok kien ta' fejda,
taħseb li se ssib serħan?

**JOS. F. CACHIA**
**[Ispirata minn *Oda al Algarrobo Muerto* ta' Pablo Neruda]**

*Fil-gżejjer Maltin insibu mill-inqas ħames speċi ta' siġar  tal-ġeneru Pinus.  L-iktar waħda komuni hi ż-żnuber, Pinus halepensis. Skont l-espert botaniku, Edwin Lanfranco, iż-żnuber tal-Imġiebaħ kienet l-unika siġra mill-imsaġar qodma taż-żnuber li kienu jiksu lil Malta ferm qabel ma ġew il-Kavallieri, u li nqerdu kollha matul iż-żminijiet.  Ħafna miż-żnuber l-oħrajn li nsibu Malta llum ġew imħawla jew mill-Kavallieri (eżempju Il-Buskett) jew mill-Ingliżi (eżempju Pembroke).*

**L-AĦĦAR QTAR MILL-KUSTAT**

Meta nħares lejn il-kwiekeb
għajnejk jinfduli l-kustat
u demmi jbaqbaq nar,
imbagħad inħares lejk imdendel m'għuda
tistenna lil xi ħadd jonfoħ nifs frisk ġo ħalqek niexef
biex jerġa' l-pulmun jimtela bl-arja
u l-kwiekeb idemmgħu minn għajnejhom
l-aħħar qtar mill-kustat tiegħek.

**JOE SALIBA**
**(minn *Spiral*, KKM 2011)**

**F'JUM SAN VALENTINU**
**14 ta' Frar**

Jgħidu illi Frar imqarqaċ
xejn mhu ħelu, pjuttost kiefer,
u aħjar toqgħodlu ġewwa
għax imqit u għandu d-dwiefer!

U għalkemm hu l-iktar qsajjar
jaf ifawwar anke l-bjar;
joħloq ħerba fi treqatna
w  il-widien jimtlew sax-xfar.

Imma għalkemm dan il-gwaj kollu
iġib miegħu ġrajjiet sbieħ;
kien f'daż-żmien li San Pawl tfarrak
u lil ġensna ħabb bi sħiħ.

Tul dax-xahar in-nies titbaħrad,
titbaħnan fil-Karnival
għax kif jgħid il-qawl minn tagħna
'Mhux darbtejn insiru tfal!'

Il-borma fuq tlieta toqgħod –
il-festa tal-maħbubin
ma' Frar tasal, mistennija
rigal nixtru lil xulxin.

Ja ħanini kemm inħobbok
kieku taf x'nagħmel għalik
kieku għandi flus bix-xabgħa
villa sbejħa kont nagħtik!

Fejn tkun tista' tgħum, tixxemmex
ġewwa l-isbaħ 'swimming pool',
l-'air condition' tgawdi komda
sakemm għomrok hawn itul!

Imma għalkemm dawn bwieti vojta
tibqa' l-mimmi ta' għajnejja;
kieku nista' l-jum kollu
ma taħrabx minn taħt idejja!

Għax l-imħabba hija l-qofol
tal-ferħ kollu tal-bnedmin
tixbah ġnien mimli bil-fjuri –
friefet, vjoli, ġiżimin!

U għalhekk għeżież qarrejja
iftħu qalbkom għall-imħabba
minn darkom barru l-mibegħda
u tħalluha qatt titrabba!

Bit-tajjeb pattu għall-ħsara
li jagħmlulkom il-bnedmin
imxu dejjem fuq il-passi
tal-għażiż  Mgħallem divin.

Jiena ċert li b'hekk tħossukom
dejjem hienja, ferħanin
bla ma jkollhom dlonk tixxennqu
għall-festa ta' Valentin!

**KAV. JOE M ATTARD**
**Victoria Għawdex**

**SFAJT WAĦDI**

Is-sirena kienet tredden waħda fuq oħra,
sentenza fuq kull ras, ġo xelter imgeddsa
jgħoddu t-teptip tal-bombi
bil-biża' tal-mewt imreżżħa.

Bombi jċekċku bil-bosta
bħal ktajjen, fuq rashom neżlin.
Dawl qawwi, ħafif daqs sajjetta
imbagħad sikta ta' dalma, lkoll kesħin.

Kemm waddbet dawl
dik ix-xemgħa li xegħlet ommi
biex nimxu flimkien
bla kelma ma toħroġ minn fommi.

Fil-wisa' kiebi tax-xelter
fid-dawl fietel tax-xemgħa
bil-biża' interter nar'hom f'gozz miknusa
b'mewta bla xebgħa.

Mixjin jien u ommi pass pass
Immissu 'l missieri u 'l ħija mixruba bil-blast
u ommi tixher u tidħaq,
daħq stramb ġdid f'widnejja
li bħalu żgur qatt ma smajt, tabilħaqq.

**DORIS VELLA CAMILLERI**

**AFTER THE RAIN**

After a shower of rain
after a bath
the leaves of trees and grasses are greener
the glass and walls of the building are brighter
the breeze blows gently
to send coolness
while shaking off raindrops on leaves
now sultriness has fled away in panic
the birds joyfully
are flying, singing
the insects are also singing.
Who is the most joyful?
Perhaps the farmer in the countryside!
They are glad to see rainwater nourishing crops
only they are hidden in my childhood dream.

**HSU CHICHENG**
*Iċ-Ċina*

**CONFRONTO**

S'alza al mattino
un fumo di tigri
dalle iridi aperte,
in campagna;
un'espressione grinzosa
rimbocca la faccia
dei contadini.

E mentre il fiume
s'accalca ai loro piedi,
si spulciano gli occhi
scrupolosamente
trovandovi affogate
zampette di ragno.

Io invece,
montanaro del cuore che batte,
m'inerpico per un letto castano
di mie pietruzze in salita.
Poi, di sera,
– tornando a zonzo verso casa –
sembro un fantasma nero che,
appuntito come un ago,
viaggi sui trampoli del buio.

**PIETRO PANCAMO**
*L-Italja*

**BLUE EYES**

Star wanders
my distant love
germinates desire tenderly
the tide of the heart
***
Oh! what similarity
what life ardent
alive in the soul
what fine tune
what White Angel strength
adorn blue eyes
full of peace from the Holy Hope
***
Drunken tomorrow
love and dreams
surrounded by hugs
silence and vigil .. Awaits

**EFTICHIA KAPARDELI**
*Il-Greċja*

**ARTIST**

I know that the nature of artist is fickle,
needed her impulse,
restless soul excruciating anguish,
to go over the blade, on the edge...
I still do not understand,
that even if the canvas primed,
what is he able to create a new,
in the depths of the subconscious plunging?
Nevertheless, I always expect
what everyday fog will scatter,
and again deception conquers us,
I will never unravel this secret...

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
*Ir-Russja*

**PUFF!**

In un solo istante
le increspature delle onde
la violenza della risacca
il blu cobalto degli abissi

**ALESSIO STRETTI**
*L-Italja*

**FATHERLAND**

For many years now,
he regards the foreign country
his second home.
But in his heart,
an eternal love
nests for Greece.
A handful of the native soil,
a small branch of lemon tree
and a seashell from Aegean Sea
antidotes of forgetting.
Besides the icons he keeps,
in a small box,
the soil, the seashell, the flowers,
mementos from his fatherland.

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Greċja***

**INVENZIONE DELLE OMBRE**

Se l'amore è illusione allora è certamente perfetto.
Non sono capace di descrivere bene a uno
che non ha provato niente di simile.
L'amore è appetito animalesco. Ora lo vivo
diversamente
la sigaretta gli finiva di ardere, la cenere cadeva
sul pavimento, le mani gli tremavano mentre
versava il te.
Gli occhi brillavano come all'uccello riempito. Ho
abbassato
la mano sulla spalla. Ha strappato bruscamente.
Non posso ricordarmi di un unico attimo che ha
la lunghezza dell'eternità.
Un tempo mi amavi?
Te lo ricordi bene
non desideri che io smetta di amarti.
E l'inverno, nevica di continuo.
Inutili le parole, sembravo una
a cui è indispensabile un abbraccio.
Mi sono sono spaventato.
La sofferenza è diventata insignificante.
Il sosia adesso possiede la tua anima.
Chi sono adesso?

L' uno e l'altro sei tu.

**TATJANA DEBELJACKI**
***Bosnia-Herzegovina***

**MAMMA**

Mamma
la dolcezza di questo nome
profuma di rosa.

Nel tuo sguardo
raccolgo petali di luce
e gocce di rugiada.

Nei giorni di non colore
dalle tue mani sbocciano
scintille d'amore.

Mamma,
sorgente di vita
che non conosce mai fine.

**PAOLA MARA DE MAESTRI**
**(minn *Con gli occhi del cuore*, 2014)**
***L-Italja***

**TO THE DEAD POET OF OBSCURITY**
**(In honor of the dead unpublished poet)**

Well done!
You have won!
You should not feel sorry.
Your unpublished poems
- always remember -
have not been buried,
haven't bent
under the strength of time.
Like gold
inside the soil
they remain,
they never melt.
They may be late
but they will be given
to their people
someday,
to offer their sweet,
eternal essence.

**DIMITRIS P. KRANIOTIS**
***Il-Greċja***

**JOURNEY**

With the  return of spring come parades of malliards
strutting straight to their favorite ponds.
Leisurely they float the way leaves of autumn
drift effortless in a stream.

The geese coming in V's, - triumphantly relax wings,
tumble and share laughter on rooftops.
The time is right. You hear them celebrate after miles
of flight struggling and drifting with the wind.

They escaped elements beating upon them unbearably
in a storm that wrecked structures and homes.
How many perished we do not know, but those that made it,
Though battered have to be commended -

Muscular, calcium bones and the will to live, they preserve
to survive the pitiless forces that maim some members.
And the tiny starlings are active. They too have returned.
How these droplets in the vastness of creation fared

in arctic temperature is magic. They frolic here once again.
Such are we who hack each inch of torment and torture
struggling for existence. Spring invigorates. We weather
adversities and adversaries and breathe free air altogether.

For like dough, having been grinded and sifted we are mashed
and molded to some shape, at the mercy of the baker's fancy...
then singed, - yet given the right thermal calculations we hasten
to complete the journey and rise on our own.

**ELMA DIEL PHOTIKARM**
***L-Istati Uniti***

**IMITATIONS**

In the desert noons
we imitate camels
because we are tired of thirst,
we imitate bees
because we wish to touch flowers,
we imitate tigers
because we are scared to death,
we imitate swansongs
because we forgot all the melodies,
we imitate doves' faith
because none loves us anymore,
we imitate trouts
because we hate their silence,
we imitate hawks
because all our wings are gone,
we imitate beautiful peacocks
because we live in ugliness,
we imitate all the creatures
that died in the men's wars
because we want to pay for the pain,
we imitate a magic unicorn
because we desperately wait for
a celestial miracle,
that can lead us to a world
where sadness is no longer.

**NADIA-CELLA POP**
**(translated by Dragoş Barbu)**
***Ir-Rumanija***

**CHÈRE OLAUG**

Déja dix ans que tu es partie
du chemin de ma vie.
Toutes deux émigrées
à la quête du bonheur si convoité.
Tes peintures pleines de couleurs
m'emplissent toujours de ta chaleur.
Je déjeune, ici,
en ta compagnie
parmi tous ces souvenirs
qui me font réfléchir.
A toi, compagne d'un voyage
qui t'a conduite dans ce passage
de l'au-delà.

**CATHERINE MILET**

*(Din hija poeżija ddedikata lill-artista u għalliema tal-Arti Olaug Vethal li mietet fi Frar tal-2007. Vethal twieldet  fin-Norveġja fl-1946 u ġiet Malta fl-1988.)*




## IRĠIEL TAT-TIBEN U ŻEWĠ DRAMMI OĦRA

**Carmel S. Aquilina, Horizons, 2016.**

Fl-introduzzjoni għal din il-ġabra ta' drammi naqraw: "Karmenu Aquilina, fil-karriera twila tiegħu, idderieġa bosta drammi li ntlaqgħu tajjeb kemm mill-pubbliku kif ukoll mill-kritiċi, u żgur m'għandux bżonn ta' introduzzjoni fost dawk li huma midħla tal-palk Malti. Imma x-xogħlijiet teatrali tiegħu għal ħafna snin baqgħu jistennew biex forsi xi darba jaraw id-dawl. Issa qiegħed jippreżenta din it-triloġija ta' drammi, li mil-lat tematiku-ideoloġiku kif ukoll mil-lat stilistiku-tekniku jistħoqqilhom skrutinju serju għax jixhdu moħħ għarriexi u pertinenti. Ma setax ikun li l-esperjenza vasta tiegħu fit-teatru ma tixprunax l-immaġinazzjoni fertili tiegħu lejn orizzonti ġodda. Jgħaddi mis-serenità tal-esperjenza umana għat-tempesti qliel tat-tbatija. Jorbot ir-ruħ tal-individwu mal-flaġelli li s-soċjetà tgħaddih minnhom. Ma jinħeliex itiegħem ir-romantiku imma l-boxxla tal-għarfien tgħaddih minn kull morr sa ma jwassal 'l udjenza tagħraf qagħdietha."

It-tliet drammi li fih il-ktieb inkitbu biex jikkompetu f'edizzjonijiet differenti tal-Premju Francis Ebejer. "META TGĦAJJAT IL-KOKKA BILLEJL" rebaħ l-ewwel premju, "IR-REBĦA TAL-ĦUTA LI TTIR" ħa t-tieni. "IRĠIEL TAT-TIBEN" baqa' jittewweb.

Traduzzjoni bl-Ingliż ta' dan l-aħħar dramm bl-isem "THE SCARECROWS" intbagħtet biex tikkompeti f'konkors organizzat mill-Fondazzjoni Alexander S. Onassis t'Ateni. Għal dan kienu daħlu ħames mija u dramm minn disgħa u ħamsin pajjiż differenti. Tliet ġurijiet internazzjonali eżaminaw id-dramm u poġġew "THE SCARECROWS" mal-aħjar erbgħin dramm.




## IL-PARRINU U STEJJER OĦRA

**Sebastian Debono, Horizons, 2016.**

Din hija l-ħames pubblikazzjoni tal-awtur Qormi Sebastian Debono. L-istejjer f'dal-ħames ktieb huma msejsin fuq temi pjuttost soċjali, bħall-kollass ta' familja ta' gabillot wara li r-raba' tagħha tittieħed għall-bini ta' appartamenti (*Il-Parrinu*); id-diqa u l-kedda ta' tifel orfni li jiżġiċċa minn idejn uffiċjal

Governattiv li kien qiegħed iwasslu f'istitut iżda ma ridux jieħu miegħu l-kelb li kien l-uniku ħabib tiegħu (*Ġużi u l-Kelb*); is-slaleb tal-ħajja jsegwuna anki meta suppost qegħdin nieħdu pjaċir (*Mal-Banda fi Sqallija*); ftit ħsebijiet f'għeluq il-mitt sena mit-tmiem tal-pesta tal-1813 fil-gżejjer Maltin u speċjalment f'Ħal Qormi li kien ir-raħal l-iżjed milqut minn dan il-flaġell qerriedi (*Il-Monument*); ir-responsabbiltà tal-istudenti u tal-għalliema (*L-Eżami*); l-uġigħ fiżiku u psikoloġiku ta' żagħżugħ b'diżabiltà li jrid isib l-identità tiegħu fix-xogħol u fl-imħabba bil-ħila tiegħu u mhux b'riżultat ta' pjaċiri mitluba għalih mill-ġenituri tiegħu (id-dramm *Waħdu fil-Folla*); ir-regħba bla rażan u bla mistħija ta' persuni fil-poter (*Il-Ministru jżur bank Svizzeru*); dawk li jaħdmu n-nar tal-festa jridu jkunu persuni tal-galbu u tal-affari tagħhom (*B'tislima lil Baldass*); l-imrar u n-niket ta' poplu magħkus f'reġim dittatorjali, bħalma kien dak ta' Ceauşescu fir-Rumanija (*Zoe*); id-diżastru grottesk li jista' jseħħ meta l-amministrazzjoni ta' entità, bħal bank, tagħlaq għajnejha għalkollox ħlief għar-regoli (*L-ammont ta' €0.00*). F'dawn id-disa' stejjer u dramm jimirħu diversi karattri f'sitwazzjonijiet li kienu, għadhom u jibqgħu jeżistu sakemm il-bniedem jibqa' jgħix f'din id-dinja.

## MUŻA KARKARIŻA

**Awturi Varji, Pubblikazzjoni Kunsill Lokali ta' Birkirkara, 2016.**

Din hija damma ta' proża u poeżija ta' awturi varji ta' esperjenzi diversi fil-mixja letterarja tagħhom u li huma Charles Mifsud, Charles B. Spiteri, Therese Pace, Philip Borg, Philip Xuereb, Tarcisio Zarb, Louis Briffa, Alfred Sant, Carmel G. Cauchi, Catherine Fenech, Patri Angelo Mamo O.P., Ġorġ Peresso, Wayne Farrugia, Anton Grasso, Ninu Borg, Tonio Borg, u Carmen George. Id-disinn tal-qoxra ġie magħmul minn Branded Juice Ltd. Fuq wara tal-qoxra insibu żewġ siltiet miġjuba bil-Malti u bl-Ingliż, waħda minn *Desiderata-Words for Life* ta' Max Ehrmann u l-oħra minn Marcel Proust, *Eloge de la Mauvaise Musique, de Les Plaisirs et les Jours*. *Muża Karkariża* għandu koordinazzjoni ta' Philip Xuereb li ħa wkoll ħsieb ir-ritratti fil-ktieb li hu mqassam skont id-dati tas-serati u kull taqsima tinkludi l-parteċipanti ta' dakinhar. L-idea ta' din id-damma kellha l-bidu tagħha fl-2014 meta f'Birkirkara ġie ffurmat il-grupp Muża Karkariża li hu magħmul minn kittieba Karkariżi minn twelidhom jew li għandhom rabta ma' Birkirkara u li ngħaqdu flimkien biex jibdew jaqraw f'lejliet li jittellgħu fil-beraħ f'okkażjonijiet diversi, jew bħala parti minn attivitajiet popolari organizzati mill-Kunsill Lokali f'inħawi differenti ta' Birkirkara. L-għanijiet kienu diversi: li dawn l-attivitajiet iservu ta' vetrina fejn l-awturi jesponu x-xogħlijiet tagħhom biex dawn jaslu għand il-pubbliku inġenerali u jsibu l-apprezzament li jixirqilhom, li jitkattar is-sens ta' kultura u wkoll li tikber l-imħabba lejn il-letteratura Maltija. Dawn l-attivitajiet kienu ideati u kkoordinati minn Terry Muscat bi preżentazzjoni ta' Maria Mintoff u bis-sehem ta' għadd ta' mużiċisti tal-lokal. Wara seba' lejliet ta' din ix-xorta, is-Sindku Joanne Debono Grech flimkien mal-kunsiliera tal-lokal, għoġobhom jiddeċiedu li jinġabru dawn il-kitbiet fi ktieb (ta' 152 paġna) li jħaddan propju xogħlijiet letterarji li nqraw fis-seba' serati li saru f'Birkirkara bejn l-2014 u l-2016. Din id-damma toffri wkoll sors ta' informazzjoni dwar Birkirkara u dak kollu li jmiss magħha, jiġifieri l-ħajja, id-drawwiet tal-passat u l-preżent, kitba ta' statistika, imkejjen ta' importanza storika fir-raħal kif ukoll nies li għamlu ġieħ lil Birkirkara. F'jum it-tnedija sar intervent kritiku dwar il-ktieb mill-Prof. Charles Briffa. Hija pubblikazzjoni b'kitba mexxejja u kreattiva u xi kultant umoristika wkoll. Dan il-ktieb jista' jinkiseb mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fil-ħinijiet tal-uffiċċju. **(Kitba ta' Therese Pace)**






## ERBA' PROFILI QOXRA WAĦDA

**Ġabra ta' Poeżiji ta' Joseph Axiaq, Josianne X. Azzopardi, Josef Borg u Carlston Grima, KKM 2016.**

Dan hu ktieb li jiġbor fih mas-sittin poeżija, ħmistax kull poeta. Għandu żewġ daħliet kritiċi, waħda miktuba mill-pinna ta' Charles Briffa u oħra minn Oliver Friggieri, it-tnejn professuri fil-qasam tal-letteratura Maltija u tal-kritika letterarja. Charles Briffa josserva li l-"kittieba ta' din il-ġabra jippruvaw ikunu effettivi fit-twassil tal-ideat personali u intimi tagħhom [...] u dan jagħmluh bi stil li jdur bħal qoxra ta' frotta mal-essenza emozzjonali." Il-versi ta' Axiaq "huma strutturi li jintrabtu mal-awtobijografija tiegħu". Azzopardi "tagħtina l-perċezzjoni tagħha tal-ħajja fi kwadri verbali qosra; tinħass li tħobb il-ħoss tal-ħsejjes tal-kliem irrimat, ħsejjes li donnhom ilħna jimirħu f'moħħna." Dak ta' Borg hu "leħen li bosta drabi jiddilja mat-tbatija u l-uġigħ tal-umanità". Fi Grima "hemm il-bniedem f'kuntrast mal-bqija tal-ħolqien, il-kuntrast bejn l-umanità u n-natura." Oliver Friggieri josserva li permezz ta' din il-ġabra "dawn l-erba' poeti qegħdin jistqarru l-fiduċja tagħhom fil-Poeżija [...] u jindikaw li s-sisien tat-tradizzjoni romantika baqgħu apprezzati, u għalhekk baqgħu biex jinbnew sulari moderni ġodda."




## CLAVIATURI

## REVISTA TRIMESTRIALA DE POEZIE

**ANUL IV. NR. 4 (16), DECEMBRE 2016.**

Din ir-rivista trimestrali li toħroġ minn Brasov, fir-Rumanija, tiġbor fiha numru ta' riflessjonijiet dwar il-poeżija, imma anki għadd imdaqqas ta' poeżiji miktubin fuq kollox minn kittieba Rumeni - fosthom Nadia-Cella Pop - , iżda anki minn poeti minn pajjiżi differenti, fosthom l-Awstralja, Franza, Ċipru, ir-Repubblika Domenikana, iċ-Ċili, u anki Malta. Il-poeta Malti huwa Patrick Sammut, awtur tal-eleġija *Twelve Years Later*, maqluba għar-Rumen minn Dragos Barbu, bl-isem ta' *Dupa Doisprezece Ani.* Din ir-rivista hi eżempju ħaj tal-fatt li l-poeżija tgħaqqad popli differenti.